



EESC Info

European Economic and Social Committee

A bridge between Europe and organised civil society

May 2024 | MT



[The Grassroots View – Ir-4 Sta?un, Episodju 7: ?g ?ar wisq fl-età, anzjani wisq, esklu?i mill-vot – isemmg?u le?in hom fl-elezzjonijiet tal-UE](#)

Merħba lil The Grassroots View, il-podcast tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE). Bl-elezzjonijiet Ewropej tal-2024 wara l-bieb, qed naraw x'inhuma t-tamiet u t-tħassib ta' tliet gruppi li spiss jintesew minn

dawk li jfasslu l-politika: il-persuni b'diżabilità, l-anzjani u ż-żgħażaġħ.

Il-mistednin tagħna jinkludu lil **Milan Šveřepa**, president ta' Inclusion Europe, li jiddiskuti l-aċċessibbiltà tal-elezzjonijiet Ewropej tal-2024. L-attivista u influwenzatriċi taż-żgħażaġħ **Nina Skočak** tgħidilna x'inhuma l-kwistjonijiet rilevanti għaż-żgħażaġħ. **Dr Heidrun Mollenkopf**, il-president tal-Pjattaforma AGE, li tiddefendi liċ-ċittadini anzjani, jgħidilna jekk l-anzjani jħossuhomx inklużi fid-dibattiti elettorali jew inkella mwarrba u esklużi mill-politiċi. Il-Viċi President tal-KESE għall-Komunikazzjoni, **Laurențiu Plosceanu**, jtkellem dwar x'jagħmel il-KESE biex ikompli jimplifika l-ilħna tas-soċjetà ċivili, u biex jiżgura li dawk l-aktar vulnerabbli ma jingħatawx il-ġenb jew jiġu emarġinati.

Isma' l-podcast tagħna, uża l-vot tiegħek u tkellem għalik innifsek. Sawwar l-Ewropa li tixtieq!

Available Languages:

ES	BG	CS	DA	EN	DE	ET	FR	EL	GA	HR	IT	LV	LT	HU	MT
NL	PL	PT	FI	RO	SK	SL	SV								

EDITORJAL



Editorjal

It-tkabbir huwa pass loġiku 'l quddiem għall-Ewropa

Dan ix-xahar, qed niċċelebraw l-20 anniversarju tat-tkabbir il-kbir tal-UE. Kien f'Mejju 2004 meta ċ-ċittadini ta' Ċipru, iċ-Ċekja, l-Estonja, l-Ungerija, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, il-Polonja, is-Slovakkja u s-Slovenja saru ċittadini tal-UE. Ma kienx proċess faċli, peress li l-adeżjoni mal-UE hija magħrufa li hija diffiċli u tiegħu ħafna żmien. Madankollu, għoxrin sena wara nistgħu ngħidu li t-tkabbir tal-2004 kien storja ta' suċċess.

Minbarra li l-UE saret wieħed mill-akbar swieq uniċi fid-dinja, it-tkabbir wassal għall-ħolqien ta' 26 miljun impjieg ġdid. Is-suċċess, madankollu, ma jistax jitkejjel biss fi gwadanji ekonomiċi. It-tkabbir eventwalment wassal għall-ftuħ tal-fruntieri, b'miljuni ta' persuni ħielsa li jivvjaġġaw, jaħdmu u

jgħixu kullimkien fl-UE. Dak li qabel kien privileġġ ta' xi wħud sar id-dritt ta' kulħadd. Sal-lum, aktar minn 2,7 miljun student mill-10 pajjiżi l-ġodda pparteċipaw fi programm ta' skambju Erasmus+. L-UE mkabbra pprovdiet opportunitajiet indaqs biex kulħadd jirnexxi.

Is-suċċess ma jfissirx li ma kienx hemm lezzjonijiet x'nitgħallmu. Dan kien l-ewwel tkabbir ta' dan it-tip u kobor, u ċertament hemm ħafna oqsma fejn l-UE tista' u għandha tagħmel aħjar. L-ewwel nett, l-UE għandha tibda tintegra l-pajjiżi kandidati fil-ħidma tagħha malajr kemm jista' jkun. L-integrazzjoni progressiva mhijiex sostitut għall-adeżjoni proprja. Hija mod kif iż-żewġ naħat jibnu pedament sod billi jitgħallmu minn xulxin, jiskambjaw l-esperjenzi u jaqsmu l-fehmiet tagħhom. Hija mod kif jiġu stabbiliti konnessjonijiet umani u jitrawwem sprit Ewropew veru.

It-tieni nett, il-prinċipji ewlenin tal-UE tad-demokrazija, l-istat tad-dritt, u d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali mhumiex negozjabbli u ma jistgħux jiġu injorati. Waqt li l-manwal tal-adeżjoni tal-UE għandu kriterji ċari dwar il-“prinċipji fundamentali”, hemm xi aspetti li jmorru lil hinn minn kwalunkwe manwal. Bħala d-dar tas-soċjetà ċivili, il-KESE jemmen li soċjetà ċivili vibranti u djalogu soċjali b'saħħtu huma ingredjenti ewlenin għal demokrazija li jiffunzjonaw tajjeb. L-integrazzjoni

gradwali tas-soċjetà ċivili mill-pajjiżi kandidati fl-UE se tagħtihom il-kapaċità li jsiru b'saħħithom daqs kemm għandhom ikunu saż-żmien tal-adeżjoni. Huwa għalhekk li l-KESE nieda l-inizjattiva tiegħu biex jintegra l-pajjiżi kandidati tal-UE. Il-“membri kandidati tat-tkabbir” issa qed jaħdmu mal-membri tagħna tal-KESE, u qed jabbozzaw opinjonijiet dwar suġġetti partikolarment rilevanti għal ċikli futuri ta' tkabbir.

Din hija wkoll ir-raġuni għaliex il-membri tal-KESE ser jiddiskutu l-20 anniversarju tat-tkabbir tal-UE matul il-plenarja tiegħu ta' Mejju – billi jagħmlu rendikont tal-passat u jistennew bil-ħerqa għal futur komuni ta' UE aktar reżiljenti, demokratika u magħquda.

Oliver Röpke

Il-President tal-KESE

DATI TAD-DJARJU

6 ta' Ġunju 2024

[L-iżbilanċi fil-protezzjoni soċjali b'mod ġenerali u għall-“forom ġodda ta' xogħol” u l-“ħaddiema atipiċi” b'mod speċifiku](#)

19 ta' Ġunju 2024

[Lagħha annwali tal-2024 tal-Presidenti u s-Segretarji Ġenerali](#)

26 ta' Ġunju 2024

[Konferenza dwar l-enerġija affordabbli biex il-fehmiet tas-soċjetà ċivili jissarrfu f'azzjoni](#)

10-11 ta' Lulju 2024

Sessjoni plenarja tal-KESE



MISTOQSIJA LIL...

Itqajna mar-relatur tal-Opinjoni tal-KESE dwar il-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh tal-UE u tar-Renju Unit, **Cillian Lohan**, biex nistaqsuh dwar il-benefiċċji potenzjali tal-iskema tal-mobbiltà taż-żgħażaġh, proposta mill-Kummissjoni Ewropea u appoġġjata mill-KESE. L-iskema tiffaċilita li ċ-ċittadini żgħażaġh tar-Renju Unit u tal-UE jgħixu, jistudjaw u jaħdmu fl-UE jew fir-Renju Unit, rispettivament. Issa li r-Renju Unit irrifjuta l-ftehim propost mal-UE kollha fir-rigward tal-moviment liberu taż-żgħażaġh, hemm approċċi possibbli oħrajn biex nerġġhu nistabbilixxu r-rabtiet li ntemmu b'riżultat tal-Brexit?



IL-VALUR VERA TAL-MOBILITÀ JINSAB FL- ESPERJENZI KONDIVI?I – SE NKOMPLU NINSISTU G?AL DAN

Minn Cillian Lohan

Il-moviment tal-persuni madwar l-UE ġab miegħu diversi benefiċċji għal dawk kollha involuti. Il-moviment taż-żgħażaġh kien partikolarment importanti, peress li ppermettiethom jesperjenzaw kulturi differenti fl-Ewropa u jgħixu l-istil ta' ħajja f'pajjiżi Ewropej oħra. Ippermettiethom ukoll jifhem li għandna ħafna komuni. Żjara f'pajjiż ieħor għal xogħol jew studju tgħinna lkoll nifhem l-umanità komuni tagħna. Irrispettivament mil-lingwa, id-dieta tagħna jew it-temp tagħna, naqsmu tant affarijiet – ir-relazzjonijiet mal-familja u l-ħbieb, it-tamiet u t-taħbit ta' kuljum, l-isfidi u l-opportunitajiet.

Huma skambji bejn il-pajjiżi bħal dawn li joħolqu soċjetà ta' adulti li juru simpatija u fehim fil-konfront ta' persuni oħra. M'għadniex inqisu liċ-ċittadini Ewropej ġirien tagħna bħala stranġieri, iżda bħala ħbieb.

M'għandniex nissottovalutaw ir-rwol li dan kollu għandu fiż-żamma tal-paċi u l-istabbiltà fil-kontinent tagħna. Il-moviment taż-żgħażaġh huwa l-pedament tal-kooperazzjoni u l-kollaborazzjoni dejjiema.

Huwa f'dan il-kuntest li pproponejt Opinjoni fuq Inizjattiva Proprija dwar il-mobilità taż-żgħażaġh u r-relazzjonijiet bejniethom f'UE ta' wara l-Brexit. B'ħidma mal-kollegi tiegħi, mal-persunal u mal-membri, aħna kkonsultajna b'mod wiesa' mal-gruppi affettwati. Dan il-proċess kien jinvolvi rappreżentanti tal-UE u rappreżentanti tar-Renju Unit f'laqgħat online, b'attendenza fiżika, tqassim ta' stħarriġiet, u skambju ta' emails. Il-ħidma tagħna ġiet appoġġjata bis-sħiħ fil-plenarja tagħna tal-KESE b'vot qawwi ħafna.

L-istituzzjonijiet Ewropej wieġbu b'offerta wiesgħa ta' skemi ta' mobilità mtejba għaż-żgħażaġh fir-Renju Unit. L-ewwel reazzjoni min-naħa tar-Renju Unit kienet ta' rifjut, iżda se nkomplu naħdmu biex nuru l-benefiċċji għan-naħat kollha.

Nenfasizzaw li mhumiex biss l-istudenti universitarji jew dawk f'edukazzjoni full-time li jibbenefikaw minn programmi bħall-Erasmus+ jew il-programm Ewropa Kreattiva. Dawn it-tipi ta' inizjattivi tal-UE jippermettu liż-żgħażaġh minn kull qasam tal-ħajja jaċċessaw programmi ta' skambju u esperjenzi li huma diffiċli biex jinkisbu mod ieħor.

Hemm kalkolu skjett tal-kost finanzjarju involut u tar-redditu finanzjarju. Dan huwa biss aspekk wieħed tal-valur. Il-valur vera tal-mobilità u l-iskambji jinsab fl-esperjenza kondiviża u l-fehim kondiviż. Kontinent mimli ħajja u multikulturali għandu bżonn interazzjoni u moviment tan-nies. Fil-KESE, ser inkomplu nagħmlu pressjoni għal dan. Meta nipprattikaw dak li nippridkaw, u biex immexxu bl-eżempju, qed inkomplu naħdmu mas-soċjetà ċivili fir-Renju Unit.

Għandna Memorandum ta' Qbil mal-Alleanza tas-Soċjetà Ċivili tar-Renju Unit, u MtQ speċifiku ma' SAFE fl-Iskozja (b'ħidma mal-eks membru tal-KESE Irene Oldfather). Ser inkomplu din il-ħidma u nsaħħuha. Is-settur taż-żgħażaġh wera tmexxija fi żminijiet ta' taqlib, mhux l-inqas fil-qasam tal-azzjoni klimatika. Ejjew naħdmu flimkien fil-livell istituzzjonali biex nipprovdulhom l-għodod kollha li jeħtieġu biex jimplifikaw il-ħidma tagħhom, u biex nisfruttaw il-qawwa taż-żgħażaġh għal futur aħjar għalina lkoll.



FIL-QOSOR

Minkejja li hija mexxejja dinjija fil-provvista ta' isotopi radjuattivi mediċi, l-Ewropa tiddependi ħafna minn pajjiżi terzi għal materjali ta' sors ewlenin u operazzjonijiet ta' pproċessar speċifiċi. Dan għandu l-potenzjal li jfixkel il-ktajjen tal-provvista u jhedded l-aċċess ta' ħafna Ewropej għal dijanjożi u trattament li jsalvaw il-ħajja. Biex inreġġgħu lura din it-tendenza u nilħqu d-

domanda dejjem tikber mill-pazjenti, neħtieġu investiment pubbliku u privat fir-riċerka u l-iżvilupp u f'infrastruttura ġdida tal-produzzjoni, regolamentazzjoni soda u deċiżjonijiet politiċi kuraġġużi, tenfasizza r-relatur tal-Opinjoni tal-KESE dwar il-provvista ta' isotopi radjuattivi mediċi, Alena Mastantuono.

NEG?LBU L-KAN?ER BILLI NEG?LBU D-DIPENDENZI STRATE?I?I TAL-UE

Minn Alena Mastantuono

Kull sena, aktar minn 10 miljun pazjent fl-Ewropa jibbenefikaw minn mediċina nukleari permezz tad-dijanjożi u t-trattament ta' mard bħall-kanċer, iżda wkoll ta' kundizzjonijiet kardjovaskulari u newrovaskulari.

It-teknoloġiji radjoloġiċi u nukleari li jużaw l-isotopi radjuattivi huma essenzjali fil-ġlieda kontra l-kanċer fl-istadji kollha tal-kura, fid-detezzjoni bikrija, fid-dijanjożi, fit-trattament u fil-kura palljativa.

L-għadd ta' pazjenti li jibbenefikaw mill-mediċina nukleari qed jikber, prinċipalment minħabba l-iskoperti xjentifiċi. Ir-riċerkaturi u n-negozji Ewropej żviluppaw uħud mill-aħħar terapiji innovattivi tal-kanċer biradjoligands, bħall-farmaċewtiċi mmirati lejn tumur tal-kanċer endokrinali u tal-prostata u metastażi mifruxa. Pereżempju, l-Lutezju-177 huwa isotopu radjoattiv promettenti ħafna għall-kura tal-kanċer tal-prostata, li huwa responsabbli għal 90 000 mewta fl-Ewropa kull sena. Meta mqabbel mat-trattamenti tradizzjonali, it-terapija moderna tar-radjonuklidi toffri mmirar tajjeb taċ-ċelloli tal-kanċer u ħafna drabi tagħmel inqas ħsara lill-ġisem. Għexieren ta' eluf ta' pazjenti jiddependu fuq it-terapija biradjonuklidi mmirata, li ħafna drabi tkun l-unika kura disponibbli.

Madankollu, qabel ma tasal għand il-pazjent, il-katina tal-provvista tal-mediċina nukleari hija kumplessa ħafna. Hija tinkludi l-provvista ta' materjali sors u l-ħżin, l-irradjazzjoni, l-ipproċessar, il-loġistika u l-applikazzjoni tagħhom. Ladarba jiġu prodotti l-isotopi radjuattivi, dawn iridu jiġu proċessati, trasportati u użati f'perjodu ta' żmien relattivament qasir, xi wħud fl-istess ġurnata, oħrajn f'anqas minn ftit jiem, skont inofs ħajja tagħhom. Dawn jitħassru faċilment u malajr.

Huwa sorprendenti li dawn il-karatteristiċi mhumiex riflessi fit-trasport transfruntier u fil-proċeduri doganali. Pereżempju, fir-rigward tat-trasport transfruntier, jeżistu diversi ostakli li jwasslu għal sitwazzjonijiet fejn tista' tingħata prijorità lill-gambli u mhux lill-isotopi radjuattivi li jkunu fi triqithom biex isalvaw ħajjet pazjent.

Huwa għalhekk li, fl-Opinjoni tiegħu dwar il-provvista ta' isotopi radjuattivi mediċi, il-KESE jappella għal kooperazzjoni aħjar fost l-Istati Membri biex jitneħħew l-ostakli regolatorji. L-Opinjoni tagħti ħarsa lejn kull stadju tal-katina tal-provvista tal-isotopi radjuattivi fl-Ewropa u tidentifika l-ostakli fil-konsenji transfruntiera kif ukoll id-dipendenzi fuq pajjiżi terzi. Hija tippreżenta wkoll soluzzjonijiet għall-infrastruttura nieqsa fl-Ewropa u l-ħtieġa għal riċerka u żvilupp koordinati.



Fir-rakkomandazzjonijiet ippreżentati fl-Opinjoni tagħna, il-KESE jinsab allinjat mal-konklużjonijiet li ntlew fuq fis-summit ta' April tal-kapijiet tal-Istati tal-UE, li enfasizzaw il-ħtieġa li jitnaqqsu d-dipendenzi strateġiċi tal-Ewropa f'setturi sensittivi bħas-saħħa u t-teknoloġiji kritiċi. Huma enfasizzaw ukoll, f'konformità mar-rapport ta' Enrico Letta, il-ħtieġa li ssir enfasi fuq il-forniment transfruntier ta' servizzi, kif ukoll il-moviment transfruntier tal-merkanzija, inklużi oġġetti essenzjali bħall-mediċini.

L-Ewropa jeħtiġilha tipprovdi inċentivi tal-produzzjoni sabiex tiżgura awtonomija strateġika aħjar fil-provvista ta' isotopi radjuattivi. Minkejja li hija mexxejja dinjija fil-provvista ta' isotopi radjuattivi mediċi, l-Ewropa għandha dipendenzi kritiċi fuq l-Istati Uniti u r-Russja għall-provvista tal-uranju metalliku b'arrikkiment baxx ta' assaġġ għoli (HALEU) u għall-provvista ta' ċerti isotopi arrikkiti għall-miri ta' produzzjoni ta' isotopi radjuattivi.

L-UE tibqa' dipendenti ħafna mir-Russja għall-provvista ta' miri tal-isotopi stabbli li jippermettu l-produzzjoni ta' ċerti isotopi radjuattivi għal radjoterapiji molekulari moderni jew li qed jiġu żviluppati, bħall-Itterbju-176 użat għall-produzzjoni tal-Lutezju-177.

Dan jippreżenta sfida reali għall-katina tal-provvista għal dan l-isotopu radjoattiv speċifiku, li għalih id-domanda globali hija mistennija li tittriplika fis-snin li ġejjin.

Il-katina tal-provvista tiddependi wkoll fuq sistemi ta' produzzjoni li jużaw reatturi jew aċċelleraturi, kif ukoll fuq l-ipproċessar u l-konsenja lill-isptarijiet. Sabiex jiġi żgurat aċċess ugwali għall-kura, l-Istati Membri, u b'mod partikolari ċ-ċentri ta' riċerka u l-isptarijiet, għandhom jaħdmu aktar mill-qrib flimkien. L-aċċess għat-terapija tar-radjazzjoni mhux uniformi fl-Istati Membri kollha tal-UE, speċjalment fil-fażi ta' żvilupp u fil-fażi pilota. L-għan huwa li jkun hemm aċċess aktar rapidu għall-mediċini fil-fażi tar-riċerka jew f'użu ħanin, kif ukoll li jittejjeb l-aċċess għal isptarijiet żgħar li jista' jkollhom nuqqas ta' għarfien espert u infrastruttura. Għal xi pazjenti dan l-aċċess jista' jkun vitali.

Il-finanzjament Ewropew tar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni fil-mediċina nukleari, b'mod partikolari fil-programmi Orizzont u Euratom, huwa kruċjali biex jirrispondu għall-ħtiġijiet tal-pazjenti. L-Ewropa għandu jkollha proġetti strateġiċi ta' interess komuni f'dan il-qasam taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) futur tal-UE. L-istrateġija SAMIRA tal-Kummissjoni Ewropea u l-Inizjattiva Qafas Ewropea dwar ir-Radjoisotopi (ERVI) b'rabta mal-Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer huma proġetti siewja. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tmur lil hinn u tinkludi l-mediċina nukleari b'mod aktar prominenti fil-Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer u fil-Missjoni dwar il-Kanċer ta' Orizzont Ewropa.

L-Istati Membri għandhom jifinanzjaw ukoll il-politiki tas-saħħa pubblika b'enfasi fuq it-teknoloġiji radjoloġiċi u nukleari mediċi. Dan se jagħti sinjal pożittiv lill-industrija u se jippermetti li r-riċerka u l-innovazzjoni kif ukoll l-infrastruttura industrijali jiġu żviluppati u jikbru fl-Ewropa. Se jattira wkoll aktar nies lejn is-settur.

Bħala konklużjoni huwa biss permezz ta' teħid ta' deċiżjonijiet politiċi kuraġġużi li se nkunu nistgħu niżguraw aħjar il-provvista tal-isotopi radjuattivi fl-Ewropa u nilħqu d-domanda dejjem tikber tal-pazjenti.



IL-MISTIEDNA SORPRI?A

Wara 20 sena fil-kamra ta' stennija tal-UE, il-Maċedonja ta' Fuq rat l-appoġġ pubbliku għas-sħubija fl-UE jonqos. Madankollu, minkejja l-pass kajman tal-progress, l-ostakli u d-dewmien (il-Maċedonja ta' Fuq ingħatat status ta' kandidat f'Diċembru 2005 iżda kellhom jgħaddu 15-il sena qabel ma bdew it-taħditiet dwar l-adeżjoni, li huwa l-itwal perjodu bħal dan fl-istorja tal-UE), il-wegħda ta' prosperità ekonomika u stabbiltà reġjonali tkompli tixpruna x-xewqa tan-nazzjon li jingħaqad mal-blokk. Iżda l-UE trid turi wkoll li hija lesta li tavvanza l-proċess ta' adeżjoni u tippremja l-progress, tikteb il-mistiedna sorpriża tagħna, **Biljana Spasovska**, id-Direttur Eżekuttiv tan-**Network għall-Iżvilupp tas-Soċjetà Ċivili tal-Balkani** u "membru kandidat tat-tkabbir" għall-Maċedonja ta' Fuq fil-KESE.

*Biljana Spasovska hija d-Direttur Eżekuttiv tan-**Network għall-Iżvilupp tas-Soċjetà Ċivili tal-Balkani (BCSDN)**, network reġjonali ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jaħdmu flimkien biex isaħħu l-pożizzjoni tas-soċjetà ċivili fil-Balkani u l-iżvilupp tagħha. Hija wkoll kopresident attwali tas-Sħubija tal-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili għall-Effikaċja tal-Iżvilupp, membru tal-Istandard Globali għas-Sħubija dwar ir-Responsabbiltà tal-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili, u "membru kandidat tat-tkabbir" tal-KESE.*

Biljana għandha aktar minn għaxar snin esperjenza fit-tmexxija tal-isforzi ta' politika u ta' promozzjoni mmirati lejn it-tiżni tar-rwol tas-soċjetà ċivili fil-Balkani u l-vuċi tagħha fil-proċessi ta' politika nazzjonali u tal-UE. Hija mexxiet u kkontribwiet għal diversi proġetti kollaborattivi reġjonali, tal-UE u globali mmirati lejn it-trawwim ta' ambjent tas-soċjetà ċivili aktar abilitanti, politika tat-tkabbir tal-UE aktar kredibbli, responsabbiltà mtejba tas-soċjetà ċivili u kooperazzjoni għall-iżvilupp aktar effettiva.

Hija għandha MA fl-Istudji Interdixiplinari mill-Università ta' Bolonja u qed issegwi dottorat fil-Globalizzazzjoni u d-Demokrazija.



L-ADEŻJONI TAL-MAĊEDONJA TA' FUQ MAL-UE: SFIDI, WEGĠDIET U T-TRIQQ 'IL QUDDIEM

minn Biljana Spasovska,

Network tal-Iżvilupp tas-Soċjetà Ċivili tal-Balkani (BCSDN)

Il-Maċedonja ta' Fuq tinsab f'mument kritiku fit-tfittxija tagħha għall-adeżjoni mal-UE, peress li l-vjaġġ tal-pajjiż ġie mxekkel minn ostakli u dewmien ikkawżati minn tilwim bilaterali mhux solvut u tnaqqis fl-appoġġ pubbliku. Minkejja dawn l-ostakli, il-wegħda ta' prosperità ekonomika u stabbiltà reġjonali tkompli tixpruna x-xewqa tal-pajjiż li jissieħeb fl-UE.

L-istħarriġ tal-opinjoni pubblika juri xejra inkwetanti hekk kif l-appoġġ għas-sħubija fl-UE naqas f'dawn l-aħħar snin. Dan it-tnaqqis jirrifletti frustrazzjoni vasta minħabba l-pass kajman tal-progress u n-nuqqas perċepit ta' impenn mill-Istati Membri tal-UE.

It-triq tal-pajjiż lejn l-adeżjoni mal-UE kienet mimlija bi kwistjonijiet kumplessi li jestendu lil hinn mill-fruntieri tal-Maċedonja ta' Fuq. Kriżi ta' demokrazija u instabbiltà politika fir-reġjun u fost l-Istati Membri tal-UE, flimkien maż-żieda tan-nazzjonaliżmu tal-lemin, joħolqu sfidi sinifikanti għall-proċess ta' integrazzjoni. Madankollu, fost dawn l-isfidi, hemm lok għal ottimiżmu u tiġdid, peress li ħafna nies iqisu l-integrazzjoni tal-UE

bħala triq lejn prosperità futura u standards tal-għajxien imtejjba. Huwa promettenti wkoll li l-pajjiż diġà huwa allinjat pjuttost tajjeb mal-leġiżlazzjoni tal-UE.

Hi u timxi 'l quddiem, il-Maċedonja ta' Fuq trid tagħti prijorià lill-progress fir-riformi u l-kapitoli tan-negozjati f'oqsma kritiċi bħall-istat tad-dritt, il-ġustizzja, id-demokrazija u amministrazzjoni pubblika aħjar. Progress viżibbli f'dawn l-oqsma xprunat mill-proċess ta' adeżjoni mal-UE jsaħħaħ ukoll l-appoġġ pubbliku għall-UE. L-impenn lejn il-valuri demokratiċi, il-kooperazzjoni reġjonali u l-insewiment ta' destin Ewropew kondiviż ser ikunu kruċjali hekk kif il-pajjiż jinnaviga l-intoppi fit-triq tal-adeżjoni tiegħu.

Filwaqt li l-pajjiż ikollu juri maturità politika u jwettaq ir-riformi meħtieġa, l-UE trid turi lill-poplu tal-Maċedonja ta' Fuq li l-proċess ta' adeżjoni huwa ġust, ibbażat fuq il-mertu u li qed jipprogressa. Trid tintwera r-rieda politika biex tiġi avvanzata l-adeżjoni, kif muri lejn l-Ukrajna; il-progress irid jiġi ppremjat u jittieħdu passi biex tiġi garantita kapacià adegwata fuq iż-żewġ naħat biex imexxu l-proċess.

Fl-aħħar nett, għandu jkun ċar li ma hemm l-ebda alternattiva aħjar, għall-benefiċċju ta' kulħadd, għall-Maċedonja ta' Fuq jew għar-reġjun kollu li jissieħeb fl-UE. Wara kollox, il-Maċedonja ta' Fuq jista' jkun pajjiż zġħir iżda l-wirt kulturali rikk, il-pożizzjoni strateġika u l-impenn lejn il-valuri demokratiċi jgħibu stabbiltà reġjonali u opportunitajiet għat-tekabbir ekonomiku, fl-istess ħin li jissaħħu d-diversità u l-koeżjoni tal-UE.

6-9 June 2024



I am voting.
Are you?

L-ELEZZJONIJIET EWROPEJ – 6-9 TA’ ?UNJU 2024: JIEN SE NIVVOTA. U INTI?

Fl-aħħar artikolu għall-kolonna tagħna, *Jien se nivvota. U inti?* il-Kap tal-Promozzjoni u l-Kampanji fl-Unjoni tal-Għomja Ewropea, Antoine Fobe, jikteb dwar it-talbiet li saru mill-organizzazzjoni tiegħu biex l-elezzjonijiet isiru aktar aċċessibbli. Minkejja l-isforzi investiti mill-organizzazzjonijiet tal-persuni b’diżabilità, mill-KESE u mill-Parlament Ewropew, għal darb’ oħra huwa tard wisq biex l-elezzjonijiet Ewropej ikunu ta’ eżempju.



NAG?MLU L-ELEZZJONIJIET EWROPEJ MUDELL TA’ VOTAZZJONI A??ESSIBBLI: DIN ID-DARBA HUWA TARD WISQ

Minn Antoine Fobe

L-elezzjonijiet Ewropej għodhom magħna u aħna - l-Unjoni Ewropea tal-Għomja (EBU) - inħeġġu lis-segwaċi tagħna jivvutaw, minkejja d-diffikultajiet persistenti, u waqt li jivvutaw iżommu f’moħħom l-importanza li l-kandidati u l-partiti jagħtu lill-inklużjoni f’konformità mal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta’ Persuni b’Diżabilità. Jeħtieġ li nagħtu widen għall-aspettattivi taċ-ċittadini neqsin mid-dawl.

L-Unjoni Ewropea tal-Għomja (EBU) hija l-vuċi tal-persuni neqsin mid-dawl u dawk b’vista ferm ridotta fl-Ewropa u aħna naħdmu lejn soċjetà aċċessibbli u inklużiva b’opportunitajiet indaqs għall-persuni neqsin mid-dawl biex jipparteċipaw bis-sħiħ fl-aspetti kollha tal-ħajja. Naturalment, il-parteciċipazzjoni politika hija aspett essenzjali, peress li tippermetti liċ-ċittadini neqsin mid-dawl jippromovu politiki u leġiżlazzjoni favur id-diżabilità permezz tal-vot u l-azzjoni politika tagħhom.

Hekk kif qed noqorbu lejn l-elezzjonijiet tal-PE tal-2024, il-parteciċipazzjoni tal-persuni b’diżabilità kemm bħala votanti kif ukoll bħala kandidati hija suġġett importanti u f’waqtu.

Skont ir-rapport tal-2019 tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE), madwar 400 000 persuna b’diżabilità ġew imċaħħda mid-dritt tal-vot fl-aħħar elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew (PE). Barra minn hekk, il-membri tal-PE li għandhom diżabilità huma inqas minn 5 %.

Għall-elezzjonijiet li ġejjin, u bħala l-ewwel punt fid-[dikjarazzjoni](#) tagħha dwar l-elezzjonijiet tal-PE, l-EBU qed terġa' titlob li jiġi stabbilit standard dwar l-aċċessibbiltà tal-votazzjoni (proċeduri tal-votazzjoni), tal-informazzjoni elettorali (faċilitajiet u materjal tal-kampanja elettorali, dibattiti politiċi, programmi tal-partiti politiċi u siti web) u tal-proċeduri ta' wara l-elezzjoni (eż. mekkaniżmi tal-ilmenti), kif ukoll l-ugwaljanza fid-dritt tal-kandidatura.

Aħna niffukaw fuq l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew minħabba li l-Unjoni Ewropea għandha kompetenza biss fl-elezzjonijiet Ewropej, bħala element taċ-ċittadinanza tal-UE u biex tiżgura drittijiet ugwali għall-persuni b'diżabilità fi ħdan l-UE. Madankollu, peress li l-organizzazzjonijiet tal-elezzjonijiet tibqa' l-kompetenza tal-Istati Membri, l-aħjar prattiki fil-livell tal-UE awtomatikament ikollhom effett konsegwenzjali fuq l-elezzjonijiet l-oħra kollha.

Sfortunatament, din id-darba huwa tard wisq biex l-elezzjonijiet tal-PE jittieħdu bħala eżempju. U dan mhux minħabba nuqqas ta' interess mill-PE nnifsu, għall-kuntrarju: f'Mejju 2022, huwa ppropona riforma tal-liġi elettorali tal-UE, li tiffoka b'mod partikolari fuq il-garanzija tad-dritt għall-persuni b'diżabilità li jivvutaw b'mod indipendenti u sigriet, l-għażla libera tal-assistenza, u l-aċċessibbiltà tal-vot bil-posta u l-kampanji politiċi. Sfortunatament, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea sa issa naqas milli jwieġeb.

Għall-5 snin li ġejjin tal-leġiżlatura tal-UE, l-EBU qed titlob lill-PE l-ġdid biex ikompli jagħmel pressjoni fuq il-Kunsill biex jadotta r-riforma proposta u jikseb progress tanġibbli għall-elezzjonijiet tal-2029. Nistgħu nserrħu fuq l-appoġġ tal-KESE li, fl-2020, diġà kien appella għal inizzjattiva leġiżlattiva formali tal-PE biex jiġu ggarantiti drittijiet reali għall-persuni b'diżabilità biex jivvutaw fl-elezzjonijiet tal-PE. Nistgħu nserrħu wkoll fuq l-appoġġ tal-Kummissjoni Ewropea li, f'Diċembru li għadda, ippublikat "Gwida ta' prassi elettorali tajba" u issa qed taħdem fuq kompendju dwar il-prattiki tal-votazzjoni elettronika u l-użu tal-ICT fl-elezzjonijiet, li t-tnejn li huma jindirizzaw l-aspetti tal-aċċessibbiltà.



IL-KESE JIE?U SEHEM FIT-TELLIEQA RUNNING G?ALL-EWROPA LI KISRET IR- REKORD

Fis-26 ta' Mejju, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ħa sehem fl-44 edizzjoni ta' Brussels 20K, li din is-sena kisret rekord ġdid b'45 330 parteċipant fil-linja tal-bidu. Il-KESE kien parti mill-Kumitat Organizzattiv Interistituzzjonali *Running for Europe*, li kellu l-għan li jħeġġeġ liċ-ċittadini jivvutaw fl-elezzjonijiet Ewropej taħt is-slogan "Uża l-Vot Tiegħek". Il-Viċi President tal-KESE għall-Komunikazzjoni Laurentiu Plosceanu, flimkien mar-rappreżentanti tal-Kummissjoni Ewropea u tal-Parlament Ewropew, bdew it-tellieqa. Alex Kibet mill-Kenja spiċċa l-ewwel f'59 minuta u 57 sekonda, u Sophie Hardy, Belġjana, l-aktar mara veloċi, lestiet it-tellieqa f'siegħa, 10 minuti u 56 sekonda.

A?BARIJET TAL-KESE



Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew iwissi li l-Pakkett dwar id-Difiża tad-Demokrazija jista' ma jwettaqx il-weg?diet tieġ?u

Il-pakkett tal-Kummissjoni Ewropea dwar id-Difiża tad-Demokrazija kien is-suġġett ta' dibattitu fis-sessjoni plenarja tal-KESE ta' April. Il-membri tal-KESE esprimew riżervi dwar it-twaqqit u l-approċċ tiegħu, b'mod partikolari biex tiġi indirizzata l-influenza barranija. Il-KESE argumenta li l-pakkett mhux biss huwa ineffettiv, iżda jista' jagħmel ħsara wkoll lill-ispazji ċiviċi fl-Ewropa.

Minkejja l-intenzjonijiet iddikjarati tiegħu li jtejjeb it-trasparenza u r-responsabbiltà demokratika fl-Ewropa, il-KESE jqis il-pakkett dwar id-Difiża tad-Demokrazija bħala difettuż ħafna. Huwa jargumenta li l-pakkett wasal tard wisq biex ikollu impatt reali fuq l-elezzjonijiet Ewropej tal-2024

li ġejjin u naqas milli jindirizza r-[rakkomandazzjonijiet](#) preċedenti tal-Kumitat għat-tisħiħ tad-demokrazija Ewropea.

Fil-kummenti tiegħu, il-President tal-KESE **Oliver Röpke** qal li “meta nitkellmu dwar ‘perikli’ għad-demokraziji tagħna, huwa importanti li jiġi enfasizzat ir-rispons qawwi tal-UE u r-rekord tal-Kummissjoni attwali fid-difiża tad-demokrazija, id-drittijiet fundamentali u l-istat tad-dritt. Il-KESE sema' wkoll it-tħassib espress minn ħafna atturi tas-soċjetà ċivili dwar dak li jqisu bħala r-riskji tal-pakkett. Jeħtieġ li nsibu approċċ komuni biex nikkombinaw id-difiża tad-demokrazija u s-salvagwardji kollha meħtieġa biex nippreservaw l-ispazju ċiviku.”

Filwaqt li l-KESE jappoġġja l-oġġettivi ta' trasparenza tad-Direttiva proposta dwar il-lobbjar imwettaq f'isem pajjiżi terzi, huwa jopponi bil-qawwa l-metodi proposti, u jwissi kontra konsegwenzi mhux intenzjonati fuq l-ispazji ċiviċi. **Christian Moos**, ir-relatur tal-KESE għall-[Opinjoni](#) dwar il-Pakkett dwar id-Difiża tad-Demokrazija, qal li “aħna nqisu li din id-direttiva hija perikoluża. Din tixbah liġi tal-“aġenti barranin”. Potenzjalment qed tistigmatizza lill-NGOs. Huwa ċar li l-proposta attwali għandha tiġi rtirata. Din tirriskja li żżid mal-problema tal-ispazji ċiviċi li qed jiċkienu fl-Ewropa, u din hija xi ħaġa li l-Kummissjoni ma setgħetx tkun trid.”

Il-korelatur **José Antonio Moreno Díaz** esprima xettiċiżmu dwar il-kapaċità tal-pakkett li jindirizza l-kawżi ewlenin tal-erożjoni demokratika fi ħdan il-fruntieri tal-UE. Billi jiffoka b'mod strett fuq it-theddid estern, il-pakkett jinjora l-isforzi insidjużi biex jiġu destabbilizzati d-demokraziji tal-UE minn ġewwa, u b'hekk joħloq

punt mhux viżibbli perikoluż.

Il-Kummissjoni rrikonoxxiet it-tħassib dwar l-impatt tal-pakkett fuq l-NGOs iżda temmen li hemm salvagwardji fis-seħħ. (gb)



Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew japprova ftehim li jstabbilixxi Korp Interistituzzjonali tal-Etika

Fis-sessjoni plenarja tiegħu tal-25 ta' April, il-KESE approva l-ftehim li jstabbilixxi korp interistituzzjonali għall-istandards etiċi. Il-ftehim il-ġdid ġie ffirmat formalment mir-rappreżentanti tal-istituzzjonijiet u l-korpi parteċipanti tal-UE fil-15 ta' Mejju. Mistenni jidħol fis-seħħ fis-6 ta' Ġunju, l-ewwel jum tal-votazzjoni għall-elezzjonijiet Ewropej.

Il-ftehim huwa pass sinifikanti, peress li jgħin biex tingħata spinta lill-kultura komuni ta' integrità u etika.

Il-korp il-ġdid tal-UE se jiżviluppa, jaġġorna u jinterpreta l-istandards minimi komuni għall-imġiba etika, u jipubblika rapporti dwar kif dawn l-istandards ġew riflessi fir-regoli interni ta' kull istituzzjoni u korp

parteċipanti tal-UE.

Minbarra l-KESE, is-seba' istituzzjonijiet u korpi tal-UE li ġejjin se jkunu parti mill-korp tal-etika l-ġdid: il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-UE, il-Kummissjoni Ewropea, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, il-Bank Ċentrali Ewropew, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri u l-Kumitat Ewropew tar-Regġuni.

Kull istituzzjoni parteċipanti se tkun rappreżentata minn membru anzjan wieħed u l-pożizzjoni ta' president tal-korp tinbidel bejn l-istituzzjonijiet fuq bażi annwali.

Fl-ames esperti indipendenti se jappoġġjaw il-ħidma tal-korp billi jipprovdu opinjonijiet fuq talba. Kwalunkwe parti għall-ftehim se tkun tista' tikkonsultahom dwar dikjarazzjonijiet individwali standardizzati bil-miktub, inklużi dikjarazzjonijiet ta' interess. (mp)



[Il-Kummissarju Johansson tappella lill-KESE jappo??ja l-appro?? ta' Tim Ewropa dwar il-migrazzjoni tal-?addiema](#)

Fis-sessjoni plenarja tiegħu ta' April, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) iddiskuta l-Pakkett dwar il-Mobbiltà tat-Talenti. Din l-inizjattiva tinkludi sensiela ta' miżuri ġodda mfassla biex l-Unjoni ssir aktar attraenti għat-talent minn barra l-UE, u biex jiffaċilitaw il-mobbiltà fi ndanha.

Il-kelliema mistiedna, il-Kummissarju għall-Affarijiet Interni **Ylva Johansson**, appellat għall-appoġġ tal-KESE biex ilaqqa' flimkien l-Istati Membri u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili biex iħaddnu din l-innovazzjoni u jiżguraw li jkun hemm politika effettiva dwar il-migrazzjoni tal-ħaddiema.

Waħda mill-miżuri bażiċi fil-Pakkett dwar il-Mobbiltà tat-Talenti hija l-inizjattiva “Riżerva ta' Talent”, l-ewwel għodda volontarja ta' tqabbil fil-livell tal-UE, fejn l-Istati Membri interessati jistgħu jlaqqgħu flimkien l-impjegaturi tal-UE ma' persuni li qed ifittxu impjeg minn pajjiżi terzi.

Il-President tal-KESE **Oliver Röpk**e enfasizza li “L-UE qed tiffaċċja nuqqas serju ta' ħaddiema u ħiliet minħabba t-tranżizzjoni lejn ekonomija ekoloġika u diġitali, kif ukoll sfidi demografiċi. Il-Pakkett dwar il-Mobbiltà tat-Talenti jista' jkun strument wieħed fost oħrajn biex jittaffew dawn l-isfidi”.

Il-Kummissarju Ewropew għall-Affarijiet Interni, **Ylva Johansson**, appellat għal approċċ ta' Tim Ewropa għall-migrazzjoni tal-ħaddiema b'dimensjoni Ewropea usa'. “Il-migrazzjoni tal-ħaddiema hija prinċipalment kompetenza nazzjonali u ser tibqa' tkun hekk. Iżda jeħtieġ li noħolqu approċċ ta' Tim Ewropa, bl-istituzzjonijiet tal-UE, l-Istati Membri u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jaħdmu flimkien biex iwasslu inizjattivi ġodda u jiffaċilitaw l-implimentazzjoni tal-politiki dwar il-mobbiltà tal-forza tax-xogħol.”

Il-membri tal-KESE **Tatjana Babrauskienė**, relatur għall-Opinjoni dwar [Pakkett dwar il-Mobbiltà tat-Talenti](#) adottata f'din il-plenarja, enfasizzat li “Ir-Riżerva ta' Talent tal-UE jeħtieġ li tkun għodda Prattika, faċli biex tintuża u affidabbli li tkun attraenti għall-ħaddiema u għall-impjegaturi. Fl-istess ħin, trid tappoġġja l-migrazzjoni legali ġusta u etika tal-ħaddiema”. (at)



[Il-KESE jilqa' l-vot storiku tal-Parlament Ewropew dwar il-?lieda kontra l-vjolenza abba?i tal-?eneru, u jtenni l-impenn favur l-avvanz tad-drittijiet tan-nisa](#)

Mara minn kull għaxar nisa tgħix f'faqar kbir. Mara minn kull tlieta tesperjenza vjolenza. Qed naraw reazzjoni negattiva dejjem tikber kontra d-drittijiet tan-nisa fid-dinja, inkluż fl-UE. Peress li l-elezzjonijiet Ewropej qed joqorbu għmielhom u dalwaqt se tiġi fformata Kummissjoni Ewropea ġdida, l-appoġġ istituzzjonali u tas-soċjetà ċivili kontinwu se jkun kruċjali għat-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u l-bniet.

Fil-25 ta' April, il-**Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE)** organizza dibattitu f'sessjoni plenarja ma' xi wħud mill-organizzazzjonijiet ewlenin tal-UE favur l-ugwaljanza bejn il-ġeneri biex tiġi enfasizzata l-

ħtieġa urġenti li nkomplu nagħtu spinta lid-drittijiet tan-nisa fil-mandat li jmiss tal-UE.

Id-dibattitu sar jum wara li l-Parlament Ewropew approva l-ewwel Direttiva tal-UE dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru, u t-tema tad-dibattitu kienet il-konklużjonijiet tat-68 sessjoni tal-Kummissjoni tan-NU dwar l-Istatus tan-Nisa (UNC68). Il-Kummissjoni dwar l-Istatus tan-Nisa hija l-forum internazzjonali ewleni fid-dinja għall-valutazzjoni tal-progress fil-kisba tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, u din is-sena ffokat fuq il-faqar fost in-nisa.

Il-KESE kkontribwixxa għall-UNC68, li saret f'Marzu fi New York, b'dikjarazzjoni intitolata [Lenti tal-ġeneru dwar il-faqar](#), li tinkludi 10 punti ta' azzjoni għat-tisħiħ tal-pożizzjoni ekonomika u l-protezzjoni soċjali tan-nisa.

"Il-faqar mhuwiex newtrali għall-ġeneru, allura lanqas aħna ma nistaw nirreaġixxu għalih b'mod newtrali. Il-vjolenza mwettqa kontra n-nisa għandha impatt fuq ir-riskju tal-faqar tan-nisa u l-kapaċità tagħhom li jipparteċipaw fuq bażi ugwali fis-suq tax-xogħol. Għalhekk nista' biss nilqa' l-votazzjoni finali fil-Parlament Ewropew dwar l-ewwel Direttiva li qatt tfasslet għall-protezzjoni tan-nisa kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru u l-vjolenza domestika fil-livell Ewropew," qal il-**President tal-KESE, Oliver Röpk**e.

L-azzjoni konċertata fil-livelli kollha kisbet għadd ta' stadji importanti matul il-mandat ta' din il-Kummissjoni, bħad-Direttiva tal-UE dwar it-Trasparenza fil-Pagi u l-Istrateġija għall-Kura, qal **Lanfranco Fanti**, membru tal-Kabinett tal-Kummissarju għall-Ugwaljanza, Helena Dalli.

Il-parteċipanti fid-dibattitu appellaw għal konfigurazzjoni speċjalizzata tal-Kunsill tal-UE dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, koordinatur tal-UE dwar il-vjolenza kontra n-nisa u mandat imġedded għall-Kummissarju għall-Ugwaljanza.

"Neħtieġu appoġġ politiku mill-UE," qalet **Florence Raes**, Direttur ta' UN Women Brussels. Minkejja l-progress reali fil-qasam tal-ugwaljanza, id-drittijiet tan-nisa qed jiġu pperikolati b'mod mingħajr preċedent u hemm periklu dejjem jikber li l-ugwaljanza bejn il-ġeneri tista' titneħħa mil-lista ta' prijoritajiet.

“Li tkun mara u membru ta’ grupp ta’ minoranza jfisser li se tbatì. Irridu niftakru li l-ugwaljanza m’għadhiex biżżejjed: l-ugwaljanza teħtieġ intersezzjonalità,” qalet **Ilaria Todde**, Direttur tal-Promozzjoni ta’ Eurocentralasian Lesbian Community.

“Il-vjolenza kontra n-nisa għandha għeruoq fondi fis-sistemi patrijarkali fid-dinja kollha. Illum infaħħru l-adozzjoni tal-ewwel Direttiva tal-UE dwar il-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika,” qalet **Mary Collins**, Direttur tal-Lobby Ewropew tan-Nisa. (II)



“Je?tie? li nesportaw l-prodotti u t-teknoloġiji tagħna, i?da mhux l-impjegji. L-investment irid ise?? fl-Ewropa”

Fis-sessjoni plenarja tal-KESE ta’ April, Maive Rute, id-Deputat Direttur Ġenerali tal-Kummissjoni għas-Suq Intern, u Oliver Röpkke, il-President tal-KESE, enfasizzaw li t-tisħiħ tal-kompetittività tal-UE kien kruċjali biex jiżdiedu t-tkabbir u l-benesseri tal-ekonomija u s-soċjetà tagħna.

Skont is-**Sinjura Rute**, m’hemmx ħin x’jintilef. L-UE trid tagħxi malajr u b’mod urġenti jekk trid tlaħħaq u tissopravvivi fid-dawl tas-setgħa eċċessiva tal-ġganti ekonomiċi tad-dinja.

Hi u tivvaluta s-sitwazzjoni attwali tal-kompetittività tal-UE, hija qalet: “Li għandna bżonn hija bidla radikali. Ma nistgħux inħallu li l-implimentazzjoni tas-suq uniku titwettaq biss permezz ta’ rieda tajba – neħtieġu infurzar reali warajha. Jeħtieġ li nesportaw l-prodotti u t-teknoloġiji tagħna, iżda mhux l-impjegji. L-industriji tagħna jeħtieġ li jkunu kompetittivi, u l-investment irid iseħħ hawnhekk.”

Hu u jenfasizza li l-kompetittività kienet pedament tas-suċċess ekonomiku tal-UE, li tixpruna t-tkabbir, l-innovazzjoni u l-prosperità filwaqt li ssaħħaħ l-influenza u r-reżiljenza globali tagħna, is-**Sur Röpkke** żied jgħid: “Meta niddiskutu l-kompetittività Ewropea, irridu npoġġu lin-nies fiċ-ċentru tad-

dibattitu u niżguraw li ħadd ma jitħalla jibqa’ lura. L-impatt u s-sinifikat aħħari tagħna jinsabu fil-mod kif taffettwa l-benesseri, l-opportunitajiet u l-prosperità tal-individwi u tal-komunitajiet. Għalhekk, kwalunkwe dibattitu dwar il-kompetittività jrid jagħti prijorità lill-ħtiġijiet, id-drittijiet u l-aspirazzjonijiet tan-nies.”

Il-penarja rat ukoll l-adozzjoni tal-Opinjoni dwar [Strateġija għall-kompetittività fit-tul](#) imfassla mir-relatur **Emilie Prouzet** u l-korelatur **Stefano Palmieri**. (mp)



Il-forza fixkiela ta' l-irkolarità: il-konferenza ewlenija tal-KESE tmexxi t-tranżizzjoni tal-Ewropa

Din is-sena, il-Pjattaforma Ewropea tal-Partijiet Interessati tal-Ekonomija Ċirkolari, inizjattiva żviluppata u ospitata b'mod konġunt mill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE), ingħaqdet mal-Presidenza Belġjana tal-Kunsill tal-UE u l-Forum Dinji dwar l-Ekonomija Ċirkolari ibbażat fil-Finlandja għall-konferenza ewlenija tagħha fil-15 u s-16 ta' April.

Il-konferenza saret fil-Brussels Convention Centre (SQUARE), laqqgħet aktar minn 1000 parteċipant u 150 kelliem, u wriet soluzzjonijiet ċirkolari li jħallu impatt, iggwidati mill-aħħar sejbiet xjentifiċi. Id-delegati tal-KESE qasmu l-istorja ta' suċċess tal-Pjattaforma Ewropea tal-Partijiet Interessati tal-Ekonomija Ċirkolari.

Cillian Lohan, membru tal-KESE u kofundatur tal-Pjattaforma Ewropea tal-Partijiet Interessati tal-Ekonomija Ċirkolari, faħħar il-Pjattaforma bħala n-“network ta' networks,” li jgħaqqad it-tfassil tal-politika u s-soċjetà ċivili għall-progress ċirkolari. **Anders Ladefoged**, membru tal-Grupp ta' Tmexxija tal-Pjattaforma Ewropea tal-Partijiet Interessati tal-Ekonomija Ċirkolari, enfasizza r-rwol tagħha fid-diskussjoni tal-progress u l-lakuni ċirkolari tal-Ewropa, bħala pjattaforma għall-kollaborazzjoni u t-tagħlim. **Maria Nikolopoulou**, membru tal-KESE, enfasizzat l-interattività dejjem tikber tal-Pjattaforma Ewropea tal-Partijiet Interessati tal-Ekonomija Ċirkolari, li tiffaċilita d-djalogu permezz ta' inizjattivi bħal #EUCircularTalks.

Matul il-plenarja tal-għeluq tal-konferenza, il-**Kummissarju għas-Sħubijiet Internazzjonali, Jutta Urpilainen**, ħabbret żewġ inizjattivi li jappoġġjaw it-tranżizzjoni globali lejn ekonomija ċirkolari: iċ-Ċentru tal-UE għar-Riżorsi tal-Ekonomija Ċirkolari iffinanzjat mill-Kummissjoni Ewropea bi EUR 15-il miljun, u l-programm “SWITCH to Circular Economy in East and Southern Africa” (għall-promozzjoni tal-ekonomija ċirkolari fil-Lvant u n-Nofsinhar tal-Afrika), li għalih il-Kummissjoni se tikkontribwixxi EUR 40 miljun fuq ħames snin. Il-Pjattaforma Ewropea tal-Partijiet Interessati tal-Ekonomija Ċirkolari wiegħdet appoġġ għaż-żewġ inizjattivi.

Il-Pjattaforma Ewropea tal-Partijiet Interessati tal-Ekonomija Ċirkolari, li tnediet mill-KESE u l-Kummissjoni Ewropea fl-2017, tippromovi d-djalogu, ixxerred Prattiki tajbin u tippromovi informazzjoni dwar l-ekonomija ċirkolari biex il-viżjonijiet jinbidlu f'azzjonijiet. Il-KESE ilu jippromovi b'mod attiv iċ-ċirkolarità sa mill-2015 meta appoġġja l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għal Ekonomija Ċirkolari. Il-Pjattaforma sservi bħala sforz konġunt biex tinvolvi lill-partijiet ikkonċernati kollha fit-tweqqif ta' viżjoni ċirkolari, bil-għan li taċċellera t-tranżizzjoni permezz tad-djalogu u l-kooperazzjoni. (ks)



[Id-di?informazzjoni hija arma tal-potenzi barranin biex tag?mel ?sara lis-so?jetajiet tag?na.](#)

Is-Sezzjoni għar-Relazzjonijiet Esterni (REX) tal-KESE organizzat it-tieni kampanja u konferenza tagħha dwar il-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni bħala parti mill-proġett ġenerali tagħha dwar id-diżinformazzjoni, li se jiġi implimentat bl-għajnuna tas-soċjetà ċivili.

Wara l-kampanja ta' suċċess fil-Bulgarija, din id-darba l-avveniment sar fil-Moldova, fit-18 ta' April. Dan l-aħħar il-pajjiż saħħaħ il-kapaċitajiet tiegħu fil-qasam tad-djalogu u l-komunikazzjonijiet strateġiċi billi waqqaf żewġ korpi ddedikati: iċ-Ċentru għall-Komunikazzjonijiet Strateġiċi u l-Ġlieda kontra d-Diżinformazzjoni, u ċ-Ċentru għall-Inizjattivi Ċivili għall-Minoranzi Nazzjonali.

Il-Konferenza saret f'kooperazzjoni mal-Università tal-Istat tal-Moldova f'Chişinău.

Fid-diskors tiegħu waqt il-konferenza, il-President tal-KESE **Oliver Röpke** enfasizza l-importanza tal-promozzjoni tad-djalogu u l-involviment taċ-ċittadini kollha, minn diversi sfondi u komunitajiet, fil-ġlieda kontra l-indiżinformazzjoni u d-diżinformazzjoni.

Tipikament id-diżinformazzjoni tinfirex fost il-popolazzjoni, ħafna drabi b'mod orizzontali, li jfisser li l-aħjar mod biex tiġi indirizzata l-problema mhuwiex b'approċċ minn fuq għal isfel iżda permezz tar-riflessjoni u l-involviment dirett taċ-ċittadini. Huwa hawn fejn is-soċjetà ċivili organizzata tista' taqdi rwol kruċjali, peress li d-diżinformazzjoni qed tirvina n-nisġa tas-soċjetajiet tagħna.

Ana Revenco, Direttur taċ-Ċentru għall-Komunikazzjonijiet Strateġiċi u l-Ġlieda kontra d-Diżinformazzjoni u waħda mill-kelliema ewlenin fil-konferenza, enfasizzat li ċ-ċittadini ma jistgħux jiġġieldu d-diżinformazzjoni waħedhom u ċ-Ċentru jista' jtejjeb il-ħiliet tagħhom sabiex id-diżinformazzjoni tossika tiġi miġġielda fit-tul.

"Il-qerda tad-diżinformazzjoni mhix għan realistiku. L-isforzi konġunti tagħna se jkunu mmirati lejn il-konfutazzjoni u l-prevenzjoni tal-aħbarijiet foloz, u l-mitigazzjoni tal-impatt malizzjuż li għandhom fuq is-soċjetajiet tagħna," żiedet tgħid.

Mihai Peicov, mexxej taċ-Ċentru għall-Inizjattivi Ċivili għall-Minoranzi Nazzjonali, qal li l-ħolqien ta' dan iċ-ċentru mill-gvern kien pass importanti għall-integrazzjoni ta' kulħadd fis-soċjetà. Huwa żied jgħid li neħtieġu politiki edukattivi ġodda għall-minoranzi.

Il-Konferenza enfasizzat ir-rwol tal-edukazzjoni u l-enfasi fuq iż-żgħażaġh, peress li ħafna mill-għarfien ġie mill-iżgħar popolazzjonijiet, studenti u ġurnalisti li attendew għaliha.

Tista' tara l-filmat tar-rapport dwar il-konferenza [hawnhekk](#).

[#EUvsDisinfo](#) (at)



[Il-Kumitati Konsultattivi Konġunti UE-Serbja u UE-Montenegro se jimmonitorjaw in-negozjati tal-adeżjoni u jiddiskutu l-pjan il-ġdid ta' tkabbir](#)

Is-Sezzjoni għar-Relazzjonijiet Esterni (REX) tal-KESE organizzat żewġ laqgħat mal-kontropartijiet Serbi u Montenegrini tagħha fil-qafas tal-Kumitati Konsultattivi Konguntivi rispettivi. Din l-istituzzjoni konġunta tippermetti lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili miż-żewġ naħat jimmonitorjaw in-negozjati ta' adeżjoni tal-pajjiż, jiddiskutu kwistjonijiet ta' interess komuni, u jindikaw it-tħassib li għandu jiġi indirizzat fit-triq lejn is-sħubija fl-Unjoni Ewropea.

Fil-5 ta' April 2024, il-KESE laqa' lill-membri Serbi tal-Kumitat Konsultattiv Konġunt fi Brussell biex jiddiskutu s-sitwazzjoni attwali fir-relazzjonijiet bejn l-UE u s-Serbja u n-negozjati dwar il-proċess ta' adeżjoni mal-UE.

Kwistjonijiet oħra fuq il-mejda kienu jinkludu l-opportunitajiet għas-Serbja ppreżentati mill-Pjan ta' Tkabbir il-ġdid u l-Faċilità għar-Riforma u t-Tkabbir għall-Balkani tal-Punent, is-sitwazzjoni ta' wara l-elezzjoni fil-pajjiż u ħarsa ġenerali lejn l-istat tad-demokrazija u l-istat tad-dritt tiegħu.

L-avveniment ra l-parteeċipazzjoni tal-Kap tal-Missjoni tar-Repubblika tas-Serbja għall-UE li għadu kif inħatar, **Danijel Apostolović**, li ssottolinja l-pożizzjoni komuni bejn l-UE u s-Serbja għal kooperazzjoni aktar mill-qrib rigward il-kwistjonijiet rilevanti kollha għat-taħditiet tan-negozjati tal-adeżjoni tas-Serbja.

Il-Viċi President tal-KESE għall-Komunikazzjoni, **Laurentiu Plosceanu**, enfasizza l-importanza ta' dawn il-laqgħat peress li jiggarrantixxu l-preżenza tar-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili, sabiex tissaħħaħ in-narrattiva tal-adeżjoni Ewropea fis-Serbja.

Il-laqgħa ntemmet bl-adozzjoni ta' [dikjarazzjoni konġunta](#), li ser tintbagħat lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-awtoritajiet lokali u lill-gvern fis-Serbja.

Tista' tara l-filmat tar-rapport dwar il-konferenza [hawnhekk](#).

Fit-13 ta' Mejju, membru tal-Kumitat Konsultattiv Konġunt UE-Serbja **Nataša Vučković** ġiet eletta l-president il-ġdid tal-Assoċjazzjoni Ewropea għad-Demokrazija Lokali (ALDA). Il-KESE kien rappreżentat fl-Assemblea Ġenerali tal-ALDA f'Barcellona mis-Sur Plosceanu, li feraħ lis-Sinjura Vučković għall-ħatra tagħha.

It-18-il laqgħa tal-Kumitat Konsultattiv Konġunt UE-Montenegro saret f'Podgorica fis-16 ta' April u bagħtet messaġġ ċar lill-istituzzjonijiet tal-UE li l-Montenegro huwa impenjat bis-sħiħ li jsir t-28 Stat Membru tal-UE sal-2028.

Il-membri tal-Kumitat Konsultattiv Konġunt ħeġġew lill-organizzazzjonijiet tagħhom, lill-awtoritajiet nazzjonali u lill-istituzzjonijiet tal-UE biex jagħmlu kull sforz biex jilħqu l-parametri referenzjarji interim tal-istat tad-dritt. Il-kisba tar-Rapport Interim ta' Valutazzjoni tal-Parametri Referenzjarji (IBAR) għall-istat tad-dritt sa

Ġunju se tkun punt ta' bidla fil-proċess ta' adeżjoni mal-UE, li jippermetti l-għeluq proviżorju ta' kapitoli oħra.

Il-kopresident u membru tal-KESE **Decebal-Ştefăniţă Padure** qalet: "L-awtoritajiet Montenegrin għandhom iwettqu l-miri ambizzjużi tagħhom, u s-soċjetà ċivili organizzata għandha tkun involuta f'kull pass tan-negożjati ta' adeżjoni". Il-kopresident min-naħa tal-Montenegro, **Gordana Đurović**, appellat lill-partijiet interessati kollha biex jappoġġjaw l-isforzi biex jinkiseb rapport pożittiv mill-Kummissjoni sa Ġunju.

Il-kap negożjatur, Dr **Predrag Zenović**, indika r-rwol importanti u l-għajnuna konkreta tas-soċjetà ċivili fil-proċess tan-negożjati, b'appoġġ pubbliku għas-sħubija tal-Montenegro fl-UE li laħaq 80 %.

L-Ambaxxatur tal-UE fil-Montenegro, **Oana Cristina Popa**, innotat li l-Montenegro jidher li fl-aħħar sab l-istabbiltà neċessarja biex jiffoka fuq l-adeżjoni fl-UE bħala l-prijorità strateġika ewlenija tiegħu, u żiedet tghħid: "Aħna lkoll ser nistinkaw biex niżguraw li din l-opportunità ma tintilifx."

Fi tmiem il-laqqgħa, ġiet adottata **Dikjarazzjoni Konġunta**, li se tiġi ppreżentata lill-Kumitat ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, lill-Kumitat Parlamentari għall-Istabbilizzazzjoni u l-Assoċjazzjoni, lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Gvern tal-Montenegro. (at)



[Fil-Jum g?all-Pubbliku tal-2024, il-KESE qajjem kuxjenza dwar l-importanza tal-votazzjoni fl-elezzjonijiet Ewropej tal-2024](#)

Fil-Jum għall-Pubbliku tradizzjonali tiegħu, nhar is-Sibt 4 ta' Mejju 2024, il-Kumitat fetaħ il-bibien tiegħu bl-għan li jipprovdi informazzjoni u motivazzjoni lin-nies dwar ir-rwol tiegħu fost l-istituzzjonijiet Ewropej u dwar l-elezzjonijiet Ewropej li jmiss.

Matul il-jum, il-KESE organizza għadd ta' attivitajiet fis-sede tiegħu, il-bini Jacques Delors fi Brussell. Il-parteciċipanti setgħu jżuru l-bini u jiskopru x'jista' jagħmel il-KESE għan-nies, jitgħallmu dwar ir-rwol tal-Kumitat fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE, u jaqsmu l-interessi u t-tħassib tagħhom mal-membri tal-KESE.

Il-viżitaturi kellhom ukoll l-opportunità jaraw x'jagħmlu l-membri tal-KESE lura f'pajjiżhom u jieħdu sehem f'attivitajiet diretti bħal logħob interattiv, kwizz dwar l-UE, u pittura tal-wiċċ għat-tfal.

Filgħodu, il-Kumitat ta merħba wkoll lil grupp ta' membri u persunal tal-KESE wara li waslu minn vjaġġ bir-rota ta' mijiet ta' kilometri madwar Franza u l-Belġju biex titqajjem kuxjenza dwar l-importanza tal-elezzjonijiet Ewropej.

Immexxi mill-membru tal-KESE **Bruno Choix** mill-Grupp ta' Min lħaddem, il-grupp ta' ċiklisti vvjaġġa minn Caen (Franza) lejn Brussell fuq 4 t'ijiem, b'total ta' madwar 500 km; fejn ingħaqdu magħhom membri u persunal oħrajn tal-KESE fl-aħħar ġibda minn Waterloo sas-sede tal-KESE fi Brussell. (mp)



[Id-dokumentarju Ukren “20 Days in Mariupol” li reba? Oscar, jintwera fil-KESE](#)

Fl-24 ta’ April, il-KESE ospita skrinjar tad-dokumentarju Ukren “20 Days f’Mariupol” li din is-sena rebaħ l-Oscar fil-kategorija tal-Aqwa Feature Film Dokumentarju.

Il-film isegwi d-direttur tiegħu, il-ġurnalista **Mstyslav Chernov**, u l-kollegi tiegħu matul 20 jum drammatiku fi Frar u Marzu 2022, huma u jiddokumentaw l-assedju brutali tar-Russja f’Mariupol, port ewlieni Ukren fil-Baħar ta’ Azov. Huma u jaħdmu għall-Associated Press, Chernov u t-tim tiegħu kienu l-aħħar ġurnalisti barranin fil-belt qabel ma nħatfet mill-armata Russa. Ir-reġistrazzjonijiet u r-ritratti kommoventi tagħhom, inklużi dawk ta’ bombardamenti massivi ta’ sptar tal-maternità u tat-teatru tal-belt li serva ta’ kenn għat-tfal, daru d-dinja, u taw xhieda tal-orruri kkawżati mill-armata Russa invadenti fuq il-popolazzjoni ċivili Ukrena.

Minbarra l-Academy Award, “20 Days in Mariupol” rebaħ ukoll ħafna premjijiet prestiġjużi oħra, inkluż il-Premju tal-Films tal-BAFTA għall-Aħjar Dokumentarju u l-Premju tal-Udjenja għaċ-Ċinema Dinjija - Dokumentarji fil-Festival tal-Films ta’ Sundance.

Għall-iskrinjar attenda l-President tal-KESE, **Oliver Röpke**. Attendew , kif ukoll mistiedna distinti oħra, fosthom l-Eċċellenza Tiegħu **Vsevolod Chentsov**, Kap tal-Missjoni tal-Ukrajna għall-UE, u **Yevhen Tuzov**, wieħed mill-protagonisti ewlenin tad-dokumentarju.

“Irridu niftakru d-dmir solenni tagħna li nkunu xhieda tal-istorja. Dan il-film għandu messaġġ ċar: irridu nuru lid-dinja x’tista’ tagħmel il-mibegħda. Ejja ma ninsewx is-sagrifiċċji tal-poplu tal-Ukrajna, wisq anqas ir-reżiljenza li wera quddiem l-avversità. Il-prospett li l-Ukrajna ssir Stat Membru tal-UE mhuwiex biss xhieda tal-valuri komuni tagħna, iżda wkoll sinjal ta’ tama għal futur aħjar,” qal il-President tal-KESE **Oliver Röpke**.

“20 Days in Mariupol” jagħti ħarsa makabra iżda essenzjali lejn it-tbatija kkawżata mill-aggressjoni tar-Russja. Kburi ngħid li l-Kumitat tagħna baqa’ sod mal-Ukrajna, u mas-soċjetà ċivili vibranti tagħha, f’dawn iż-żminijiet diffiċli, u l-preżenza tagħkom illeġla tisser ħafna,” qal il-Viċi President tal-KESE għall-Komunikazzjoni **Laurentiu Plosceanu**. Il-KESE appoġġja bis-sħiħ lill-Ukrajna u lis-soċjetà ċivili tagħha mill-ewwel jum tal-gwerra ta’ aggressjoni tar-Russja u saħħaħ il-kooperazzjoni tiegħu mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili tal-Ukrajna permezz tal-Pjattaforma tas-Soċjetà Ċivili UE-Ukrajna. Ħoloq iċ-ċentru tal-Ukrajna, li joffri spazju ta’ ħidma lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili Ukreni fil-Belġju. Il-KESE beda l-inizjattiva tal-Membri Kandidati tat-Tkabir, biex l-għarfien espert tal-KESE jiġi kondiviż mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili Ukreni. Delegazzjoni ta’ livell għoli tal-KESE, immexxija mis-**Sur Röpke**, żaret l-Ukrajna f’Novembru fejn iltaqgħet mal-Ministru tal-Ekonomija **Yuliia Svyrydenko**, u ma’ rappreżentanti tal-Verokhna Rada u tas-soċjetà ċivili. Il-membri tal-KESE fessru r-rispett tagħhom lejn il-vittmi tal-gwerra Ukrena meta żaru l-monumenti tal-gwerra fil-pajjiż.

L-iskrinjar, organizzat fuq l-inizjattiva tal-membri Latvjan tal-KESE **Andris Gobiņš**, għal darb’oħra wera solidarjetà tas-soċjetà ċivili tal-Ewropa mal-Ukrajna u l-poplu tagħha. L-udjenja kellha wkoll l-opportunità li

tara wirja tar-ritratti ddedikata lil Mariupol taħt assedju, organizzata f'kooperazzjoni mal-assoċjazzjoni Ukra-Bel, li ntweriet b'mod parallel mal-avveniment ewlieni.



“Before our very eyes” – nesperjenzaw l-arti Bel? jana fil-KESE

Jekk tinteressak l-arti Belġjana, titlifix il-wirja ***Before our very eyes***, miftuħa sat-28 ta' Ġunju fl-Atrium 6 tal-bini tal-KESE Jacques Delors, Rue Belliard 99.

Se tkun tista' tammira x-xogħlijiet ta' tliet artisti Belġjani ta' talent: [Luk Vander Plaetse](#), [Hugues Legros](#) u [Thibault Choquel](#).

Permezz tar-ritratti tagħhom, it-tliet artisti – fotografi, grafiċi u disinjaturi – juruna s-sbuħija tal-ħajja ta' kuljum. *Before our very eyes*, tliessen poeżija umana selvaġġa u ġentili li fiha jitħalltu ġeneri u nies differenti”.

Il-wirja ġiet organizzata mill-membri Belġjani tal-KESE, bl-appoġġ ta' tim ta' koordinaturi, bħala parti mill-Presidenza Belġjana tal-Kunsill tal-UE, li tasal fi tmiemha fl-1 ta' Lulju 2024. L-organizzaturi jqisu l-presidenza bħala opportunità biex juru l-għarfien prattiku ta' pajjiżhom u jippromovu l-kultura Belġjana fl-Ewropa u lil hinn minnha. (II)

A?BARIJET MILL-GRUPPI



Ir-raġunijiet ekonomiċi għal tkabbir ta' did u instantanju u Unjoni ta' 36

Minn Stefano Mallia, President tal-Grupp ta' Min Iħaddem fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Bl-għerf tal-aħħar żewġ deċennji u seba' mewġiet ta' tkabbir mill-bidu tal-proġett Ewropew, probabbilment ikun xieraq li jiġi ċelebrat l-anniversarju tat-tkabbir ewlieni tal-2004 b'fatti u ċifri biex jitneħħew id-dibattiti emozzjonali qabel l-elezzjonijiet tal-UE f'Ġunju.

Il-gwerra ta' tliet snin fl-Ukrajna mexxiet il-kwistjoni tat-tkabbir fuq quddiem nett tal-aġenda ġeopolitika Ewropea. L-istatus ta' kandidat li ngħata malajr lill-Ukrajna, lill-Moldova, lill-Bożnija-Ħerzegovina u lill-

Georgia, kif ukoll in-negozjati tal-adeżjoni li finalment infetħu mal-Maċedonja ta' Fuq u mal-Albanija, huma skoperti pożittivi għal politika li ġiet interrotta għal snin sħaħ.

Biex niżguraw li dan il-momentum il-ġdid jibqa' għaddej, għandna niċċaraw ir-raġunijiet ekonomiċi favur it-tkabbir.

Naturalment, id-demokratizzazzjoni u l-istat tad-dritt huma prinċipji li ma jistgħux jintmessu, bħalma huwa l-approċċ ibbażat fuq il-mertu tal-proċess tat-tkabbir, li jimpedixxu t-tqassiriet. Iżda, fl-aħħar mill-aħħar, in-nies iridu jiġu assigurati bil-kisbiet ekonomiċi potenzjali u l-prosperità għall-ġenerazzjoni li jmiss ta' Ewropej.

Jekk il-passat joffri xi indikazzjoni tal-futur, nistgħu ngħidu b'mod sikur li r-raġunijiet ekonomiċi huma inkontestabbli. Il-kummerċ bejn l-Istati Membri l-qodma u dawk ġodda kiber kważi bi tliet darbiet matul il-proċess formali ta' qabel l-adeżjoni mill-1994 sal-2004, u ħames darbiet fost l-Istati Membri l-ġodda nfushom. L-UE-15 ta' dak iż-żmien kibret b'medja ta' 4 % kull sena mill-bidu tal-proċess ta' adeżjoni sal-2008, bil-proċess ta' adeżjoni jikkontribwixxi nofs dan it-tkabbir, u ġew iġġenerati 3 miljun impjieg ġdid bejn l-2002 u l-2008.

Il-COVID-19 u l-gwerra fl-Ukrajna wrew li l-UE jeħtieġ li tikkunsidra mill-ġdid ir-reżiljenza ekonomika tagħha, b'mod partikolari fil-kuntest tat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali. Il-pjan REPowerEU jipprevedi żieda fil-produzzjoni Ewropea tal-enerġija rinnovabbli. L-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti u l-Att dwar il-Materja Prima Kritika jappellaw biex 40 % tal-ktajjen tal-valur tal-materja prima u ekoloġiċi jiġu ddevjati lejn l-UE. Il-kandidati għall-adeżjoni mal-UE, b'mod partikolari l-Ukrajna, jista' jkollhom rwol importanti, billi jipprovdu sigurtà ekonomika akbar.

Fir-rigward tar-riżorsi naturali, l-Ukrajna għandha l-akbar riżervi tal-gass fl-Ewropa, wara n-Norveġja. Tipproduċi wkoll uħud mill-akbar kwantitajiet ta' enerġija idroelettrika fl-Ewropa u tista' żżid il-produzzjoni tagħha flimkien ma' sorsi oħra ta' enerġija ekoloġika bħar-riħ, ix-xemx u l-bijomassa. L-Ukrajna kienet ukoll esportatur ewlieni tal-metalli u fiha jinsabu depożiti tal-litju u tal-art rari, li huma kruċjali għall-industriji ekoloġiċi u diġitali.

Fl-istess ħin, l-industrija agrikola tal-Ukrajna hija waħda mill-akbar fid-dinja. L-integrazzjoni tagħha fis-suq uniku żżid b'mod sostanzjali s-sigurtà tal-ikel tal-UE.

Il-benefiċċji għall-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent ta' parteċipazzjoni akbar fis-suq uniku huma wkoll ċari daqs il-kristall. Bħala indikazzjoni, il-PDG tal-Kroazja żdied b'mod kostanti minn meta ssieġbet fl-UE fl-2013, u dan issarraff fi dħul ogħla għaċ-ċittadini tagħha, b'żieda medja fil-PDG per capita ta' 67 % (żieda minn EUR 10 440 fl-2013 għal aktar minn EUR 17 240).

It-triq lejn is-sħubija fl-UE għal sa disa' pajjiżi ġodda se tkun ikkumplikata, iżda ma hemm l-ebda alternattiva oħra: jekk l-UE tixtieq tkun setgħa globali, trid tkun l-ewwel u qabel kolloxx setgħa lokali.



L-o'rajn di?à qed jidde?iedu g?alikom. Tg?id wasal i?-?mien li tag?mlu xi ?a?a dwar dan?

mill-Grupp tal-Ħaddiema tal-KESE

Il-kampanja tal-Parlament Ewropew “Oħroġ ivvota. Inkella ħaddieħor jiddeċiedi għalik” hija adatta ħafna. Il-filmat elettorali tal-kampanja, li janalizza l-għeruq tal-proġett Ewropew li jinbena futur paċifiku mill-irmied tal-gwerra u l-ġenoċidju, imiss it-tast. B'mod partikolari illum il-ġurnata, bl-estremiżmu u l-apatija li qed jirrenjaw, il-politika spiss tidher qisha xi reality show aktar milli agora ġenwina.

Ċerti li tridu tħallu lil ħaddieħor jiddeċiedi għalikom? Diġà qed jagħmlu dan u, għal darb'oħra, qed jagħżlu l-awsterità.

Il-president tagħna, Lucie Studničná, [esprimiet dan b'mod ċar: ma nistgħux naffordjaw kriżi oħra ta' awsterità](#). Xi pajjiżi esperjenzaw deterjorament ekonomiku u eżodu ta' m'hu minħabba l-miżuri meħuda matul l-aħħar kriżi finanzjarja. Ir-rata tal-ggħad fi Spanja, l-Italja u l-Greċja għadha għolja, u l-PDG per capita għadu 'l bogħod mil-livelli tal-2008. Bi tweġiba għal din in-nonsoluzzjoni, kellna żieda fl-Ewroxiżmu u l-populiżmu, li ġiet iffaċilitata minn qabża lejn il-lemin estrem.

Ir-regoli fiskali l-ġodda se jħallu lill-biċċa l-kbira tal-Istati Membri mingħajr saħħa biex jiffaċċjaw l-isfidi klimatiki u soċjali tal-ġejjieni. Il-wegħdiet li saru f'La Hulpe se jkunu vojta. Iċ-ċittadini se jsofru, u d-diffikultajiet ekonomiċi addizzjonali, li l-gvernijiet żgur li se jiddeskrivu bħala “imposti minn Brussell”, jistgħu jkunu l-aħħar daqqa għal ħafna.

Id-demokrazija mhijiex biss kwistjoni ta' votazzjoni: is-soċjetà ċivili u t-trade unions huma fundamentali għaż-żamma ta' demokrazija b'saħħitha. Madankollu, il-votazzjoni mhijiex biss għodda ta' leġittimità, u għadha utli. Hija dritt li nkiseb b'mod diffiċli bl-isforzi, u ħafna drabi l-ħajjiet, ta' miljuni ta' nies tul diversi ġenerazzjonijiet. U nistgħu nitilfuh.

Id-deċiżjonijiet dwar l-awsterità mhumiex stabbiliti fis-sod. Għal dawn l-elezzjonijiet f'Ġunju, u għall-elezzjonijiet nazzjonali li jmiss, l-appell tagħna huwa: użaw il-vot tagħkom. Tħallux li ħaddieħor jeħodulkom. Ivvotaw għall-progress soċjali. Flimkien, nistgħu nkomplu ntejbu l-pajjiżi tagħna u l-Unjoni Ewropea, u nbiddlu dak li ma jaħdimx.



#EUElections2024: L-organizzazzjonijiet tas-so? jetà ?ivili jiddiskutu l-UE li jixtiequ u jipponu prijoritajiet g?all-mandat il-?did

Mill-Grupp tal-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili

Għall-mandat il-ġdid, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jipponu l-indirizzar tal-isfidi immedjati u fit-tul, l-implimentazzjoni adegwata tal-politiki eżistenti tal-UE u t-tisħiħ tal-valuri tal-UE. Djalogu ċivili strutturat u aġenda soċjali b'saħħitha qegħdin ukoll fuq il-lista tal-prijoritajiet tagħhom.

Fis-16 ta' April, il-Grupp tal-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili tal-KESE organizza [konferenza](#) dwar *Nibnu Flimkien l-UE Li Rridu*. L-avveniment

laqqa' flimkien rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-livell nazzjonali u Ewropew li ddiskutew il-prijoritajiet politiċi tagħhom bi tnejn għall-[elezzjonijiet li ġejjin għall-Parlament Ewropew](#) u l-iffirmar tad-dikjarazzjoni interistituzzjonali La Hulpe dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.

Waqt il-ftuħ tal-konferenza, Séamus Boland, president tal-Grupp tal-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili, iddeplora l-fatt li ħafna politiċi minn partiti nazzjonali prinċipali ma jridux jiddiskutu l-UE mal-votanti. B'konsegwenza ta' dan, il-votanti ma jifhmux għaliex l-UE hija meħtieġa u l-politika tal-UE mhux dejjem tirrifletti dak li huwa importanti għalihom. Dan wassal għal skonnessjoni perikoluża bejn il-pubbliku ġenerali u l-UE u jista' jirriżulta f'ħafna nies jivvutaw għal partiti estremisti. "Dak li huwa meħtieġ b'mod urġenti issa huwa li l-politiċi nazzjonali u Ewropej jinvolvu ruħhom man-nies f'dibattitu miftuħ dwar il-problemi li qed tiffaċċja l-UE u dwar x'għandu jsir biex dawn jiġu solvuti. B'hekk biss nistgħu nipperswaduhom li l-UE hija għall-ħafna u li tibqa' toħloq opportunitajiet għal kulħadd."

Aqra u aqşam il-[konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet](#) tal-konferenza, li jiffukaw fuq:

- G?aliex l-elezzjonijiet tal-2024 g?all-Parlament Ewropew huma importanti: l-UE f'punt ta' bidla
- Nibnu flimkien l-UE li rridu: UE demokratika u inklu?iva ta' ?ustizzja u protezzjoni so?jali
- Nibnu flimkien l-UE li rridu: ekonomija sostenibbli bba?ata fuq tran?izzjonijiet ?usti u impjegji ta' kwalità
- It-tqeg?id tas-so?jetà ?ivili, i?-?ittadini u ?-?g?a?ag? fi?-?entru tal-Ewropa ta' g?ada

Il-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet ser jikkontribwixxu għal **riżoluzzjoni tal-KESE** bi proposti ta' politika għall-Parlament Ewropew il-ġdid u l-Kummissjoni Ewropea l-ġdida, li għandha tiġi adottata f'Lulju 2024.

Skopri iktar fl-[istqarrija għall-istampa](#) dwar il-konferenza.

IN FOCUS: 20TH ANNIVERSARY OF GREAT ENLARGEMENT



It-**tkabbir**: l-g^odda ta' politika tal-UE l-aktar b'sa **??**itha u li l-aktar tirnexxi

Minn Pat Cox

Il-mistieden speċjali tagħna, l-eks President tal-Parlament Ewropew Pat Cox, jiftakar it-tkabbir** enormi ta' 20 sena ilu bħala **żmien** ta' tama eċċezzjonali meta l-kontinent sa fl-aħħar ġibed nifs li mela **ż-żewġ** naħat tal-pulmun tiegħu: il-Lvant u l-Punent. U filwaqt li l-mit ta' Putin tal-fratellanza Slavika qed isir realtà fl-isfond ta' splużjonijiet minn missili ballistiċi, l-UE tibqa' unjoni volontarja ta' persuni liberi u sovrani, ibbażata fuq il-valuri ewlenin tar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, l-ugwaljanza u l-istat tad-dritt.**

Personalment, l-avveniment ospitat f'Dublin mill-Presidenza Irlandiża tal-Kunsill tal-UE fl-1 ta' Mejju 2004 u ċ-ċerimonja ta' merħba fil-Parlament Ewropew fi Strasburgu fit-3 ta' Mejju 2004 jispikkaw politikament iżda wkoll emozzjonalment bħala jiem ta' pożittività u tama liema bħalhom u

bħala atti simboliċi ta' ritorn lejn id-dar, ta' riunifikazzjoni u tal-kontinent li jieħu nifs sħiħ fuq iż-żewġ naħat tal-pulmun tiegħu: il-Lvant u l-Punent F'Dublin Seamus Heaney qara l-poeżija tiegħu *Beacons at Bealtaine*, li tesprimi l-ottimiżmu sottostanti li dan it-**tkabbir** storiku jista', skont l-istess l-poeżija, iqanqal l-emozzjonijiet, ibiddel il-mentalità u joħroġ sinifikati ġodda ("Move lips, move minds and make new meanings flare"). Fi Strasburgu, l-10 bnadar nazzjonali tal-Istati Membri l-ġodda ttellgħu fuq arbli enormi li saru fit-tarzni ta' Gdańsk, rigal mill-Polonja, bil-vjaġġ tagħhom lejn Strasburgu jservi ta' tfakkira simbolika tal-vjaġġ mill-komuniżmu għal-libertà, ippersonalizzat mill-preżenza ta' Lech Wałęsa.

Naturalment, għal kulħadd, l-avveniment kien il-qofol ta' proċess twil u kumpless ta' tnejnija reċiproka tul ħafna snin. Kien hemm ferħ iżda wkoll sens ta' serħan wara l-konklużjoni ta' dik li kienet maratona politika u proċedurali għal dawk kollha involuti.

L-argument tiegħi huwa li t-**tkabbir** jaf kien l-aktar għodda politika b'saħħitha, trasformattiva u ta' suċċess tal-UE matul l-aħħar ħames deċennji. Pajjiżi stess, l-Irlanda, issieħeb fl-ewwel **tkabbir** fl-1 ta' Jannar 1973, l-ifqar stat/reġjun ta' dik li kienet il-Komunità Ekonomika Ewropea. L-aċċess għal suq kbir, flimkien mas-solidarjetà tal-UE permezz ta' fondi reġjonali, u aktar tard fondi ta' koeżjoni, fl-ewwel deċennji ta' sħubija,

standards ogħla dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-politika ambjentali, appoġġ għall-proċess ta' paċi fl-Irlanda ta' Fuq u rikonossiment tal-konsegwenzi ta' sfida uniċi tal-Brexit għall-Irlanda, l-uniku stat tal-UE li jikkondividi fruntiera tal-art mar-Renju Unit, il-koll flimkien joffru esperjenza u eżitu partikolarment pożittivi. Mhux kollox mexxa ħarir, b'mod partikolari matul il-kriżi taż-żona tal-euro, iżda f'termini netti t-tkabbir kien pożittiv b'mod qawwi.

Filwaqt li nirrispetta kif ukoll jiddispjaċini għad-deċiżjoni tar-Renju Unit li joħroġ mill-Unjoni, din turi ħaġa waħda b'mod ċar: l-UE hija Unjoni volontarja ta' popli liberi u sovrani – liberi li jissieħbu, liberi li jitolqu. X'kuntrast qawwi mal-gwerra neo-imperjali li Putin għażel kontra l-Ukrajna, fejn il-mit tiegħu tal-fraternità Slavika qed jitwassal kuljum mill-armi tan-nar, l-isplużjonijiet tal-missili ballistiċi u d-droni qattielja.

L-adeżjoni tal-Greċja, il-Portugall u Spanja għenet biex tinfed it-tfiġġija mill-ġdid tagħhom bħala demokraziji ta' suċċess wara d-dittatorjat minbarra li gābet titjib fl-istandards tal-għajxien u fil-kwalità tal-ħajja.

It-tkabbir enormi ta' 20 sena ilu gāb miegħu tkabbir spettakolari għall-Istati Membri l-ġodda, speċjalment dawk tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, permezz ta' żieda qawwiya fl-investment, il-kummerċ u s-solidarjetà tal-UE. Bħala medja, il-PDG per capita tagħhom, aġġustat għall-inflazzjoni u l-munita, kiber minn inqas minn nofs il-medja tal-UE għal tliet kwarti tal-medja tal-UE li baqħet tikber matul iż-żewġ deċennji. Il-PDG per capita tal-Litwanja ttrippla f'dan il-perjodu. Is-saħħa tjebet, u l-edukazzjoni wkoll, u dan wassal għal progress kemm fil-kwalità tal-ħajja kif ukoll fil-livell tal-għajxien. Il-produzzjoni agrikola fir-reġjun kollu rduppjat. Fil-qosor, bħal fil-każ tat-tkabbir preċedenti kollu, dan wera li huwa ta' benefiċċju għal kulħadd kemm għall-istati aderenti kif ukoll għall-UE. Allura nqis lili nnifsi ottimist fir-rigward tat-tkabbir, iżda mhux ingenu.

L-avvenimenti fil-Polonja f'dawn l-aħħar snin u b'mod persistenti fl-Ungerija juru kif l-illaxkar mill-istandards tal-UE fir-rigward tal-istat tad-dritt, il-libertà tal-media jew ir-rispett għad-drittijiet tal-minoranzi jżvela adeżjoni mal-UE bħala mezz għall-prosperità iżda fl-istess waqt averżjoni kontra l-UE bħala komunità ta' valuri kondiviżi. Il-Prim Ministru tal-Ungerija bi kburiya jipproklama li tiegħu hija demokrazija illiberali. Ikun xi jkun il-marġni ta' interpretazzjoni li wieħed jista' jkollu fir-rigward tal-Artikolu 2 tat-TUE, huwa ċar ħafna li t-Trattat mhuwiex karta ta' demokrazija illiberali. ("L-Unjoni Ewropea hija bbażata fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inkluż id-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi. Dawn il-valuri huma komuni għall-Istati Membri f'soċjetà fejn jipprevalu l-pluraliżmu, in-non-diskriminazzjoni, it-tolleranza, il-ġustizzja, is-solidarjetà u l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel".)

Dan kien parti mill-ftehim ta' sħubija fl-UE u huwa minqax fit-trattati kollha tal-adeżjoni u kien hemm qbil dwaru mill-istati aderenti kollha. Il-formula ta' "żomm il-valuri tiegħek iżda tini flusek" mhijiex bażi sostenibbli għar-rispett reċiproku – xi ħaġa li m'għandhiex titwarrab fir-rigward tal-istati kandidati attwali fi triqthom lejn l-adeżjoni eventwali tagħhom fl-UE. Nistenna li l-kriterji ta' Copenhagen se jkollhom rwol aktar fundamentali fin-negożjati futuri, possibbilment bi klawnsoli tat-trattat tal-adeżjoni li joffru lill-UE kapacià aktar robusta biex tiddefendi d-drittijiet u l-valuri milli jillaxkaw. L-UE mhijiex biss suq, u l-progress materjali, għalkemm mixtieq, la huwa l-unika *raison d'être* u saħansitra lanqas mhu *raison d'être* essenzjali.

Minkejja dan, fuq il-bażi tar-rekord s'issa, it-tkabbir kien essenzjalment pożittiv għal dawk kollha involuti u għandu jiġi indirizzat b'perspettiva pożittiva. Il-pajjiżi kandidati se jkollhom jgħaddu minn trasformazzjonijiet sinifikanti, kull wieħed bir-ritmu tiegħu. L-UE wkoll għandha x'tagħmel f'termini tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet u l-kapacià baġitarja tagħha biex tassorbi Stati Membri ġodda, u fl-assistenza ta' qabel l-adeżjoni. Wara li jkun ingħata l-istatus ta' stat kandidat u wara l-iskrinjar, imbagħad l-oqfsa ta' negożjar, il-

ftuħ ta' kapitolu b'kapitolu u l-għeluq tan-negozjati u t-trattati eventwali tal-adeżjoni lkoll jeħtieġu l-unanimità tal-Kunsill. L-ebda wieħed minn dawn ma huwa komplitu sempliċi jew faċli. Wieħed jittama li l-Istati Membri kollha juru rispett għad-dmir ta' "kooperazzjoni sinċiera" li jassistu fit-twettiq tal-kompiti li jirriżultaw mit-Trattat (Artikolu 4(3) tat-TUE).

L-Ukrajna hija każ differenti f'termini ta' kumplessità minħabba d-daqs tagħha, is-sehem relattiv tal-agrikoltura mill-PDG meta mqabbel mal-medja tal-UE, u l-faqar komparattiv tal-pajjiż f'termini ta' PDG per capita, u naturalment minħabba l-gwerra u l-konsegwenzi devastanti tagħha. In-negozjati jistgħu jibdw. L-Ukrajna diġà tinsab fit-triq lejn l-integrazzjoni permezz tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u l-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles Approfondit u Komprensiv tagħha mal-UE. Dawn jistgħu jiġu estiżi ftit ftit maż-żmien iżda fl-aħħar mill-aħħar eżitu territorjali stabbilit u paċi stabbli – li fihom is-sħubija fl-UE jista' jkollha rwol – se jkunu prekundizzjoni essenzjali għall-adeżjoni. L-UE teħtieġ stabbiltà mhux kaos fuq in-naħa tal-Lvant tagħha, u fl-aħħar mill-aħħar li tħaddan l-Ukrajna huwa fl-interess kollettiv tagħha stess u tal-Ukrajna.

PAT Cox, eks President tal-Parlament Ewropew mill-2002 sal-2004

*Pat Cox huwa politiku u ġurnalista Irlandiż. Huwa kien il-President tal-Parlament Ewropew mill-2002 sal-2004, u l-President tal-Moviment Ewropew Internazzjonali (2005–2011). Huwa ilu fit-tmexxija tal-Fondazzjoni Jean Monnet għall-Ewropa mill-2015. Huwa wkoll Koordinatur Ewropew għall-Kuritur tan-Network Ewlieni (UE) tat-TEN-T (trasport) Skandinavu-Mediterranju kif ukoll mexxej tal-Missjoni ta' Valutazzjoni tal-Ħtiġijiet u l-Implimentazzjoni tal-Parlament Ewropew dwar ir-Riforma Parlamentari tal-Verkhovna Rada fl-Ukrajna. Fil-bidu tal-karriera tiegħu, ħadem bħala xandar televiżiv tal-ġrajjet kurrenti ma' RTE f'Dublin. Fl-2004, is-Sur Cox rebaħ il-Premju Internazzjonali Karlu Manju 2004 ta' Aachen għall-impenn parlamentari tiegħu għat-
tkabbir tal-Unjoni Ewropea.*



20 sena mill-akbar tkabbir tal-UE

minn Jarosław Pietras

Dr Jarosław Pietras, eks Viċi Kap Negozjatur għall-adeżjoni tal-Polonja mal-UE, jirrifletti dwar l-impatt tat-tkabbir li seħħ 20 sena ilu u l-benefiċċji ekonomiċi u oħrajn li ġab miegħu mhux biss għall-Polonja u pajjiżi oħra li ssieħbu iżda għall-UE kollha kemm hi. Id-deċiżjoni li l-Unjoni Ewropea tiġi estiża fl-2004 kienet xhieda tal-impenn tal-Unjoni għall-unità, id-diversità u s-solidarjetà. Illum, għad hemm tagħlimiet siewja li għandhom jittieħdu minnha għal kwalunkwe negozjati futuri ta' qabel l-adeżjoni.

Wara 20 sena, jidher pjuttost ċar li d-dħul tal-biċċa l-kbira tal-pajjiżi tal-Ewropa Ċentrali, flimkien ma' Malta u Ċipru, fl-UE mhux biss irrappreżenta "tkabbir kbir" iżda kien pass storiku għall-Unjoni Ewropea kollha. L-impatt kien profond, b'mod partikolari fuq ix-xenarju ekonomiku tal-pajjiżi li kienu għadhom kif issieħbu.

It-tkabbir ta' spinta sinifikanti lill-istandard tal-għajxien fil-pajjiżi tal-Ewropa Ċentrali. It-tmien pajjiżi tal-Ewropa Ċentrali – ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, l-Ungerija, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja, is-Slovakkja u s-Slovenja – kollettivament esperjenzaw żieda notevoli fil-PDG per capita tal-parità tal-kapaċità tal-akkwist tagħhom, li qabżet dik li kieku kienet tinkiseb li kieku ma ssiħbux fl-UE. L-istatistika dejjem tirreferi għall-medji dwar il-benefiċċji tanġibbli li ġgħib magħha l-integrazzjoni. Ta' min jinnotta li anke jekk il-kisbiet ma kinux imqassma b'mod ugwali fost l-Istati Membri, b'xi wħud jesperjenzaw titjib aktar sinifikanti minn oħrajn, il-pajjiżi kollha wrew titjib sinifikanti. Pereżempju, il-Litwanja u l-Polonja kienu fuq quddiem nett, u kisbu l-aktar benefiċċji sostanzjali mis-sħubija fl-UE, iżda l-Estonja u s-Slovenja għamlu inqas progress minħabba l-isfidi

li ffaċċjaw, speċjalment minħabba l-impatt tal-kriżi finanzjarja tal-2008.

L-adeżjoni mal-Unjoni Ewropea wasslet għal era ġdida ta' prosperità ekonomika għall-Polonja u l-kontropartijiet tagħha fl-Ewropa Ċentrali. Il-Polonja, b'mod partikolari, tispikka bħala storja ta' suċċess tal-iżvilupp ta' wara l-adeżjoni. Il-pajjiż esperjenza tkabbir ekonomiku bla preċedent, bil-PDG tiegħu jirdoppja bejn l-2004 u l-2022. Bl-istess mod, Stati Membri oħra fir-reġjun raw ukoll tkabbir sostanzjali fil-PDG per capita tagħhom, għalkemm b'rati li jvarjaw. Is-Slovakkja u l-Litwanja, pereżempju, urew progress ta' min ifaħħru, li kompli jnaqqas id-distakk fl-iżvilupp mal-Ewropa tal-Punent. Id-data statistika minn dan il-perjodu tagħti stampa tar-reżiljenza u d-dinamiżmu, peress li dawn il-pajjiżi sfruttaw is-sħubija fl-UE biex jixprunaw l-espansjoni ekonomika u jsaħħu l-kompetittività globali tagħhom. Din il-kisba notevoli tenfasizza l-impatt trasformattiv tal-integrazzjoni tal-UE fuq l-ekonomiji tal-Istati Membri l-ġodda kollha. U dan seħħ minkejja l-impatt tal-kriżi finanzjarja, li matulha l-membri l-ġodda tal-UE kisbu rati ta' tkabbir ogħla milli mistenni.

Il-perjodu ta' wara t-tkabbir tal-UE fl-2004 ma kienx mingħajr l-isfidi tiegħu. Pereżempju, il-kriżi finanzjarja globali tal-2008 ħasdet l-ekonomija Ewropea kollha, u ttestjat ir-reżiljenza kemm tal-Istati Membri stabbiliti kif ukoll ta' dawk li kienu għadhom kif ġew integrati. Minkejja l-effetti negattivi tal-kriżi, il-membri l-ġodda tal-UE wrew reżiljenza notevoli, u qabżu l-projezzjonijiet inizjali tat-tkabbir. Il-kapaċità tagħhom li jegħlbu l-maltempata u jżommu rati pożittivi ta' tkabbir enfasizzat is-saħħa tal-ekonomiji tagħhom u l-benefiċċji tal-

integrazzjoni tal-UE. Fl-istess ħin li l-kriżi ħolqot sfidi sinifikanti, hija pprovdiet ukoll opportunità għal dawn il-pajjiżi biex jibbenefikaw bis-sħiħ mir-rabta mill-qrib mal-ekonomija Ewropea. Dan kien ukoll test ta' kemm il-pajjiżi li ssieħbu għodda kienu impenjati lejn il-valuri Ewropej u s-solidarjetà fi żminijiet ta' avversità.

Matul il-proċess tan-negożjati, is-soċjetà ċivili Pollakka ħarġet b'ħala forza b'saħħitha għall-bidla u l-progress. L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, il-movimenti fil-livell lokali u l-gruppi ta' promozzjoni kellhom rwol kruċjali fil-promozzjoni tal-integrazzjoni tal-UE u r-rispett tal-valuri demokratiċi fil-Polonja. L-isforzi bla waqfien tagħhom biex jissensibilizzaw, jimmobilizzaw l-appoġġ u jżommu lill-mexxejja responsabbli kienu strumentali fit-tiswir tal-fehma pubblika u fil-ixprunar ta' bidla pożittiva. Billi involviet ruħha b'mod attiv maċ-ċittadini, rawmet id-djalogu u ppromoviet it-trasparenza, is-soċjetà ċivili Pollakka għenet biex tiżgura li l-proċess tan-negożjati jibqa' inklużiv, demokratiku u reattiv għall-ħtiġijiet tal-poplu. Il-kontributi tagħhom mhux biss iffaċilitaw l-adeżjoni tal-Polonja mal-UE iżda saħħew ukoll il-pedamenti tad-demokrazija u tas-soċjetà ċivili fil-pajjiż.

Id-deċiżjoni li l-Unjoni Ewropea tiġi estiża fl-2004 kienet xhieda tal-impenn tal-Unjoni għall-unità, id-diversità u s-solidarjetà. Billi laqgħet fi ħdanha l-biċċa l-kbira tal-pajjiżi tal-Ewropa Ċentrali, flimkien ma' Malta u Ċipru, l-UE espandiet il-potenzjal ekonomiku, ir-rikkezza kulturali u l-influwenza ġeopolitika tagħha. L-adeżjoni ta' dawn il-pajjiżi għabet magħha perspettivi, talenti u opportunitajiet għodda għall-Unjoni, u arrikkiet il-patrimonju tagħha tad-diversità u saħħet il-preżenza globali tagħha. Minn perspettiva ġeopolitika, it-tkabbir saħħaħ l-influwenza u l-istabbiltà tal-UE billi integra l-pajjiżi tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant fil-qafas tagħha ta' kooperazzjoni u kollaborazzjoni. Istituzzjonalment, it-tkabbir iddiversifika l-perspettivi tal-UE u approfondixxa l-integrazzjoni tagħha, u witta t-triq għal Unjoni aktar magħquda u reżiljenti.

Waqt li nirriflettu fuq l-esperjenzi tat-tkabbir tal-UE tal-2004, hemm lezzjonijiet siewja li għandhom jinsiltu, speċjalment fir-rigward tal-proċess tan-negożjati u t-tħejjijiet ta' qabel l-adeżjoni. Kieku kelli nibda vjaġġ simili illum, inħeġġeġ li ssir enfasi akbar fuq il-kundizzjonijiet ta' qabel l-adeżjoni u l-mekkaniżmi ta' appoġġ fin-negożjati futuri kollha, b'mod partikolari fl-oqsma tal-governanza u l-istat tad-dritt. Huwa essenzjali li jiġi żgurat li l-pajjiżi kandidati jissodisfaw il-kriterji u l-istandards meħtieġa qabel ma jissieħbu fl-UE biex tiġi ssalvagwardjata l-integrità tal-Unjoni u jinżammu l-valuri tagħha. Barra minn hekk, l-għoti ta' appoġġ u assistenza adegwati lill-pajjiżi kandidati matul il-proċess tan-negożjati huwa kruċjali għall-integrazzjoni b'suċċess u l-istabbiltà fit-tul tagħhom fl-UE.

Fil-qalba tal-proċess tan-negożjati għat-tkabbir tal-UE tal-2004 kien hemm impenn kondiviż għat-trawwim tal-istabbiltà, id-demokrazija u l-prosperità fl-Ewropa kollha. Ix-xewqa li jissaħħu r-rabtiet ta' kooperazzjoni u solidarjetà fost il-pajjiżi Ewropej iggwidat in-negożjati, peress li kemm il-pajjiżi kandidati kif ukoll il-membri eżistenti tal-UE rrikonoxxew il-benefiċċji reċiproċi tat-tkabbir. Waqt li n-negożjati kienu kumplessi u ta' sfida, fl-aħħar mill-aħħar kienu xprunati minn viżjoni kondiviża ta' Ewropa magħquda u prospera, fejn il-pajjiżi kollha setgħu jifjorixxu flimkien fil-qafas tal-Unjoni Ewropea.

Hekk kif il-pajjiżi kandidati tal-UE jinsabu fi triqithom lejn l-adeżjoni fl-2024, hemm diversi kunsiderazzjonijiet ewlenin li għandna nqisu. L-ewwel nett, il-prijoritizzazzjoni tar-riformi li jallinjaw mal-istandards u l-valuri tal-UE hija essenzjali għal integrazzjoni b'suċċess u stabbiltà fit-tul fl-Unjoni. Dan jinkludi t-tisħiħ tal-istituzzjonijiet demokratiċi, il-promozzjoni tal-istat tad-dritt u s-salvagwardja tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali. Barra minn hekk, l-involvement proattiv mal-membri eżistenti tal-UE biex tinbena l-fiduċja u l-appoġġ huwa kruċjali għal tranżizzjoni bla xkiel fl-Unjoni. Billi juru impenn ġenwin għall-valuri u l-kooperazzjoni Ewropej, il-pajjiżi kandidati jistgħu jwittu t-triq għal futur aħjar tagħhom fi ħdan l-Unjoni Ewropea.

Jaroslav Pietras attwalment huwa riċerkatur mistieden fil-Wilfried Martens Centre for European Studies fi Brussell u professur mistieden fil-College of Europe fi Bruges.

Huwa ħadem bħala parti mit-tim li nnegozja l-adeżjoni tal-Polonja mal-UE mill-1998, meta bdew in-negozjati, sal-2004, meta l-Polonja ssieħbet fl-UE. Mill-1990 sal-2006, huwa serva fil-Polonja nattivna tiegħu bħala Segretarju tal-Istat fil-Ministeru tal-Finanzi, Segretarju tal-Istat għall-Ewropa u Kap tal-Uffiċċju tal-Kumitat għall-Integrazzjoni Ewropea. Mill-2008 sal-2020, huwa kien Direttur Ġenerali fil-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, fejn kopra firxa wiesgħa ta' oqsma ta' politika (tibdil fil-klima, ambjent, trasport, telekomuniazżjonijiet, enerġija, edukazzjoni, kultura, awdjoviżiv, żgħażaġħ u sport). B'PhD fl-Ekonomija mill-Università ta' Varsavja, huwa l-awtur ta' għadd ta' pubblikazzjonijiet dwar l-UE, is-sostenibbiltà u kwistjonijiet kummerċjali. Huwa kien ukoll studjuż tal-Fondazzjoni Fulbright u membru tal-bord tal-grupp ta' riflessjoni Bruegel (2008-2011).

Editur

Ewa Haczyk-Plumley (editor-in-chief)
Laura Lui (ll)

Il-kontributori għal din l-edizzjoni huma

Daniela Vincenti (dv)
Ewa Haczyk-Plumley (ehp)
Giorgia Battiato (gb)
Jasmin Kloetzing (jk)
Katerina Serifi (ks)
Katharina Radler (kr)
Laura Lui (ll)
Marco Pezzani (mp)
Margarita Gavanis (mg)
Margarida Reis (mr)
Millie Tsoumani (mt)
Pablo Ribera Paya (prp)
Thomas Kersten (tk)

Koordinazzjoni globali

Agata Berdys (ab)
Giorgia Battiato (gb)

Indirizz

European Economic and Social Committee
Jacques Delors Building,
99 Rue Belliard,
B-1040 Brussels, Belgium
Tel. (+32 2) 546.94.76
Email: eescinfo@eesc.europa.eu

EESC info is published nine times a year during EESC plenary sessions. EESC info is available in 24 languages
EESC info is not an official record of the EESC's proceedings; for this, please refer to the Official Journal of the

European Union or to the Committee's other publications.
Reproduction permitted if EESC info is mentioned as the source and a link is sent to the editor.

05/2024